# ALMANAKK ASTRONOMIKU

U

# METEOROLOGIKU

BIT-TAGHRIF TAT-TEMP
U BL'ALMANAKK TAL-BDIEWA

GHAL

# MALTA U GHAWDEX

GHAS-SENA

# 1954

**Is-Sitta u Ghoxrin Sena ta' l'Almanakk**

**Jimbiegh 8d**

Mitbugħ fil-"Lux Press"

apa

# ALMANAKK ASTRONOMIKU

## BIT-TAGHRIF TAT-TEMP

GHAL

# MALTA U GHAWDEX

GHAS-SENA

# 1954

*COPYRIGHT*

## KALKOLU EKKLEŻJASTIKU

| | | | |
|---|---|---|---|
| Numru tad-deheb | 17 | Indizzjoni Rumana | 7 |
| Epatta | 25 | L-Ittra Domenikali | c |
| Ċiklu Solari | 3 | L-Ittra tal-Martiroloġju | F |
| Ħdud wara l-Epifanija | 5 | Ħdud wara l-Pentekoste | 24 |

## FESTI LI JIMXU MAL-GĦID

*Dawn jitkantaw bil-latin wara l-Vanġelu nhar l-Epifanija.*

| | |
|---|---|
| Settwaġesima ... ... ... ... | 14 ta' Frar |
| Ras ir-Randan ... ... ... ... | 3 ta' Marzu |
| Il-Għid il-Kbir ... ... ... ... | 18 ta' April |
| L-Axxensjoni ... ... ... ... ... | 27 ta' Mejju |
| Il-Għid il-Ħamsin ... ... ... ... | 6 ta' Ġunju |
| Korpus ... ... ... ... ... | 17 ta' Ġunju |
| Il-Qalb SS.ma ta' Ġesù ... ... ... | 25 ta' Ġunju |
| L-ewwel Ħadd ta' l-Avvent. ... ... | 28 ta' Novembru |

## FESTI KMANDATI TAL-KNISJA

| | |
|---|---|
| Issibhom maħżuża fl-Almanak b'salib | ✠ |
| Festi tad-Devozzjoni, b'salib | † |
| Festi tal-Gvern, b'kewkba | * |
| Banek magħluqa jkunu mmarkati | § |

*Nota:*—Il-Festi tad-Devozzjoni m'aħniex obbligati iżda l-Papa jixtieq li nisimgħu l-Quddies.

437972

## IS-SENA TROPIKALI JEW L-ISTAĠUNI TAS-SENA 1954.

Is-Solstizju tax-Xitwa, ix-Xemx daħlet fil-Kostellazzjoni ta' *Capricorn* bdiet fit-22 ta' Diċembru fl-4.20 a.m. 1953.

Is-sena tropikali 1954 tibda bl-Ekwinozju tar-Rebbiegħa, ix-Xemx tidħol fil-Kostellazzjoni ta' *Aries* fil-21 ta' Marzu fil-4.52 a.m.

Is-Solstizju tas-Sajf, ix-Xemx tidħol fil-Kostellazzjoni ta' *Cancer* fil-21 ta' Ġunju fil-11.53 p.m.

L-Ekwinozju tal-Ħarifa, ix-Xemx tidħol fil-*Libra* fit-23 ta' Settembru fis-2.54 p.m.

Is-Solstizju tax-Xitwa jibda fit-22 ta' Diċembru fid-9.55 a.m.

## FESTI TAL-PAPA PIJU XII.

| | |
|---|---|
| Papa Piju XII (Ewġenju Pacelli) twieled f'Ruma | 2 ta' Marzu 1876 |
| Papa mgħolli għal Pontifikat | 2 ta' Marzu 1939 |
| Koronazzjoni tal-Papa Piju XII | 12 ta' Marzu 1939 |

## FESTI TA' L-IMPERU INGLIŻ

| | |
|---|---|
| Tlugħ fit-tron tar-Reġina Elizabetta | 8 ta' Frar 1952. |
| Twelid tar-Regina Elizabetta | 21 ta' April 1926. |
| Jum ta' l-Imperu Ingliż | 24 ta' Mejju 1954. |
| Inkoronazzjoni tar-Reġina Elizabetta | 2 ta' Ġunju 1953. |
| Twelid tar-Reġina Elizabetta (jum uffiċjali) | 5 ta' Ġunju 1954. |
| Twelid tad-Duka ta' Edinburgh | 10 ta' Ġunju 1921. |
| Twelid tal-Prinċep Charles | 14 ta' Novembru 1948. |
| Twelid tar-Reġina Omm Elizabetta | 4 ta' Awissu 1900. |
| Twelid tal-Prinċipessa Anne | 15 ta' Awissu 1950. |
| Twelid tal-Prinċipessa Margaret | 21 ta' Awissu 1930. |

## ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

EĊĊ.MU MONS. MIKIEL GONZI, D.D., B.Litt., B.L.Can.
J.C.D. (Greg), LL.D. (Hon. Causa), K.B.E.,Bali O.S.J.
ARĊISQOF TA' MALTA
ASSISTENT FIT-TRON TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA
METROPOLITA TAL-PROVINĊJA MALTIJA

Vigarju Ġenerali: Eċċ.mu. Mons. Emmanwel Galea, D.D., B.Lit., B.L. Can., J.C.D. (Greg), O.S.J., Isqof Titulari ta' Tralles.

Delegat ta' l-Arċisqof għas-Sorijiet: Rev.mu. Mons. Kan. Prof. Karm Bonnici, D.D., B.L.Can.

Segretarju Ġenerali: Rev.mu. Mons. Kan. Koad. Prof. Arturu Bonnici, D.D., B.A., B.L.Can., H.E.Lic.

Kanċillier tal-Qorti u Fiskal Promutur: Rev.mu. Mons. Kan. Ġwann Mifsud, S.Th.D., J.C.D., Ph.D.

Assessur u Avukat tal-Fiskal Promutur: Sir Philip Pullicino Kt., B.Litt., LL.D.

## ARĊIPRIETI U KAPPILLANI TAL-PARROĊĊI TA' MALTA U S-SENA LI ĦADU L-EWWEL PUSSES

### WISQ REVERENDI

1924 Mons. Anġlu Ghigo, D.D., B.L. Can. *Arċipriet* Mdina
1928 Kan. Emm. Vella, D.D., B.L.Can., Ph.D.Kap Konv. *Prepostu* B'Kara.
1931 Kan. Emm. Brincat, M.B.E., Kap. Konv. *Arċipriet* Żejtun.
1933 D. Pawlinu Galea *Arċipriet* Mosta.
1934 D. Antonju Vella *Arċipriet* S. Ġorġ Qormi.
1938 D. Salvatore Gauci *Arċipriet* Żurrieq.
1941 Kan. Pawlinu Galea, D.D., B.L. Can. Kap. Konv. *Arċip.* Birgu.
1942 D. Antonju Debono *Arċipriet* Furjana.
1947 Kan. Lwiġi Abela, D.D., B.L.Can. *Vig. Kurat* Bormla.
1948 Kan. G. Karlu Burlo', D.D., B.L.Can. *Arċipriet* L-Isla.
1949 D. Lawrenz Zammit, B.A. Lic.D. *Arċipriet* Zebbuġ.
1952 Kan. Emmanwel Muscat *Vig. Kurat* Valletta.
1928 D. Enriku Cordina Perez *Kappillan* Hamrun.
1928 D. Nikola Aquilina *Kappillan* Siġġiewi.
1930 D. Karm Lia *Kappillan* Lija.
1931 D. Edgard Salomone P.E.P., H.C.F., Kap. Konv. *Kappillan* Mġarr.
1932 D. Innoċenzju Zammit *Kappillan* Msida.
,, D. Ġużepp Debono *Kappillan* Luqa.
,, D. Mikiel Balzan *Kappillan* Attard.
,, D. Franġisk Xuereb *Kappillan* Pawla.
1933 D. Ġorġ Schiro', S.T.D., J.U.D. *Papas* tal-Griegi.
1934 D. Franġisk Xuereb *Kappillan* Mellieħa.
,, D. Lwiġi Psaila *Kapp.* (S. Sebas.) Qormi.
,, D. Lawrenz Spiteri, D.D., B.L.Can. *Kappillan* Rabat.
1937 D. Ġużepp Inguanez, D.D., B.L.Can. *Kapp.* (Stella Maris) Sliema.
1940 D. Karm Farrugia, D.D., B.L.Can. *Kapp.* (S. Girgor) Sliema.
1942 D. Antonju Rapa *Kappillan* Tarxien.
,, D. Karm. Azzopardi *Kappillan* Dingli.
,, D. Ġużepp Zarb *Kappillan* Zabbar.
,, D. Mikiel Spiteri *Kappillan* Birżebbuġa.
1943 D. Karm Xuereb *Kappillan* Kalkara.
1945 D. Gerardu Mangion *Kappillan* Mqabba.
1946 D. Orazju Vella, D.D., B.L.Can. *Kappillan* Għargħur.
,, D. Pawl Said *Kappillan* Safi.
,, Rev. P. Gian Franġ. Grima O.F.M. Konv. *Kapp.* S.P. il-Baħar
,, Rev. P. Wistin M. Caruana, O.Carm. *Kapp.* S. Venera.
1949 D. Tarcisju Agius *Kappillan* Marsaskala.
,, Rev. P. Feliċjan mill-Furjana O.F.M. Kap. *Kapp.* Marsa.

| | |
|---|---|
| 1950 D. Enriku Mahoney | *Kappillan* Qrendi. |
| ,, D. Ġużepp Minuti | *Kappillan* Balzan. |
| ,, Rev. P. Franġisk Dingli O.F.M. | *Kapp.* (S. Cuor) Sliema. |
| 1951 D. Pawl Galea | *Kapp.* Gżira. |
| 1952 Rev. P. Gjaċint Darmanin O.P. | *Kapp.* (S. Dom.) Valletta. |
| ,, D. Adolfo Agius B.A., B.D. | *Kapp. Koad.* Pawla. |
| ,, D. Ġerardu Frendo | *Kappillan* Gudia. |
| ,, D. Pantaljun Orland | *Kappillan* Marsaxlokk. |
| ,, D. Innoċenz Borg B.A., Lic.D. | *Kappillan* Għaxaq. |
| 1953 D. Filippu Grech | *Kappillan* S. Ġiljan |
| ,, D. Pawl Farrugia | *Kapp.* Kirkop. |
| ,, Vakanti | *Arċipriet* Naxxar. |

**DJOĊESI TA' GĦAWDEX**

EĊĊ.MU. MONS. G. PACE, D.D., J.C.D., Ph.D., O.S.J.
PRELAT DOMESTIKU TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA
ISQOF TA' GĦAWDEX

Vigarju Ġenerali :
Segretarju Ġenerali :
Assessur :
Kanċillier : Mons. Kan. Penit. Gulielmu Grima, J.C.D.
Fiskal Promotur : Prof. Saċ. D. Salv. Tabone.
Avukat Fiskal : Pawlu Mercieca, LL.D.

**ARĊIPRIETI U KAPPILLANI TAL-PARROĊĊI TA' GĦAWDEX U S-SENA LI ĦADU L-EWWEL PUSSES**

WISQ REVERENDI

| | |
|---|---|
| 1943 Kan. Mons. Mikiel Cefai | *Arċipriet* Vittoria |
| 1914 Kan. Karm Portelli | *Arċipriet* Għarb |
| 1919 Kan. Mik. Anġ. Cauchi | *Arċipriet* Xagħra |
| 1941 D. Ġorġ Debrincat | *Arċipriet* Sannat |
| 1947 D. Ġużepp Grech | *Arċipriet* Xewkija |
| 1948 Kan. Ġużepp Borg | *Arċ. Koad.* Għarb |
| 1949 Kan. Mikiel Portelli | *Arċipriet* Nadur |
| 1924 D. Mik. Anġ. Grima | *Kappillan* Kerċem |
| 1927 D. Ġużepp Vella | *Kappillan* Qala |
| 1936 D. Franġisk Mercieca | *Kappillan* Żebbuġ |
| 1938 D. Emmanuel Scerri | *Kappillan* Għajnsielem |
| 1944 D. Mikiel Grech | *Kappillan* Funtana |
| 1950 D. Girgor Vella | *Kappillan* S. Lawrenz |
| 1951 D. Karm Vella | *Kappillan* Għasri |

**PATRIJIET PROVINĊJALI**

| | |
|---|---|
| Wisq Rev. P. Esmond L. Klimeck, O.P. | *tad-Dumnikani* |
| Wisq Rev. P. Anġeliku Azzopardi, O.F.M. | *tal-Frati Minuri* |
| Wisq Rev. P. Pawl Spiteri, O.E.S.A. | *tal-Agostinjani* |
| Wisq Rev. P. Bernard Farrugia, O.C. | *tal-Karmelitani* |
| Wisq Rev. P. Piju Mamo, O.M. Conv. | *tal-Konventwali* |
| Wisq Rev. P. Pietru mill-Furjana, O.M.Cap. | *tal-Kappuċċini* |
| Wisq Rev. P. Ewsebju O.C.D. | *tat-Tereżjani* |
| Wisq Rev. P. Ġużepp Delia S.J. | *tal Ġeżwiti* |

THE

# NATIONAL BANK

OF

# MALTA

## JAGHMEL OPERAZZJONIJIET BANKARJI TA' KULL XORTA

Isiru trasferimenti ta' flus b'ittri jew b'telegramm għad-dinja kollha. Joħorġu Ittri ta' Kreditu u Travellers' Cheques u jingħataw il-faċilitajiet lil kull min isiefer Il-Bank jaħdem mal-Banek prinċipali ta' l-Amerka, Awstralja u tal-Kanada.

IL-BORŻA U D-DWANA - - - - - - - - - - IL-BELT.

IR-RABAT - - - - - - - - - - - - - - - - - GĦAWDEX.

BANK MAGĦQUD MIEGĦU

## SCICLUNA'S BANK

MISRAĦ IL-PALAZZ IL-BE]

# JANNAR *(31 Jum)*

Ix-xahar ta' l-Isem ta' Ġesù (ix-xahar tal-bard). Ix-xemx titla fis-7 u 13 a.m. u tinżel fl-4 u 47 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal ta' l-(Akwarju) Ilma. Jikbru l-ġranet 25 min. a.m. 46 min. p.m. jonqos il-lejl.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ✠ *§ | 1 | Ġimgħa. | Ċirkonċiżżjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. L-Istrina |
| | 2 | Sibt. | Ottava ta' S. Stiefnu Protomartri |
| ✠ | 3 | Ħadd. | Isem Imq. ta' Ġesù — Ott. ta' S. Ġwann App. Evanġ (1). |
| | 4 | Tnejn. | Ottava ta' l-Innoċenti Mqaddsa. |
| | 5 | Tlieta. | Vġili ta' l-Epif. — S. Telesforu Papa M. |
| ✠ *§ | 6 | Erbgħa. | Epifanija ta' Sidna Ġesù Kristu. — *It-Tre Re.* |
| | 7 | Ħamis. | ta' l-Ottava ta' l-Epifanija |
| | 8 | Ġimgħa. | ,, ,, ,, ,, |
| | 9 | Sibt. | ,, ,, ,, ,, |
| ✠ | 10 | Ħadd. | I Sagra Familja ta' Ġesù Marija u Ġużeppi |
| | 11 | Tnejn. | ta' l-Ott. ta' l-Epifanija — S. Iġinu Papa M. |
| | 12 | Tlieta. | ,, ,, ,, ,, |
| | 13 | Erbgħa. | Ottava ta' l-Epifanija. |
| | 14 | Ħamis. | S. Ilarju Isq. K.D. — S. Felic. — Bb. Odorik K. Ruġ. Eġid. K. |
| | 15 | Ġimgħa. | S. Pawl I. Erem. K. — S. Mawru Abb. |
| | 16 | Sibt. | S. Marċell I Papa M. — SS. Berardu u sħabu Prot. M. |
| ✠ | 17 | Ħadd. | II wara l-Epif. — S. Anton Abbati. |
| | 18 | Tnejn. | Katt. ta' S. Pietru — S. Priska V.M. |
| | 19 | Tlieta. | SS. Marju u sħ. M. — S. Kan. — Bb. Tumas Karlu Bern. |
| | 20 | Erbgħa. | SS. Fabjan u Sebastjan M. *tit. Ħ. Qormi.* |
| | 21 | Ħamis. | S. Publju I Isq. ta' Malta *tit. Furjana.* S. Anjese |
| | 22 | Ġimgħa. | SS. Vinċenz u Anastasju M. |
| | 23 | Sibt. | S. Raymond K. — Iż-żwieġ tal-Madonna. |
| ✠ | 24 | Ħadd. | III. Konv. ta' S. Pawl App. *Patr. tit. Katt u Ħ. Safi.* |
| | 25 | Tnejn. | Ferja. |
| | 26 | Tlieta. | S. Polikarpju Isq. M. |
| | 27 | Erbgħa. | S. Ġwann Griżostmu Isq. K. D. |
| | 28 | Ħamis. | S. Pietru Nolasku K. — S. Anjese V.M. |
| | 29 | Ġimgħa. | S. Franġisk ta' Sales Isq. K.D. |
| | 30 | Sibt. | S. Martina V.M. — S. Ġjaċinta V. |
| ✠ | 31 | Ħadd. | IV. Ott. ta' S. Pawl App.—S. Ġwann Bosco K. |

(1) Annivers. tal-Ħatra ta' Malta għal Arċidjoċesi u Metropolitana.

MA HEMM XEJN AĦJAR MILL-*BOVRIL*

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL JANNAR

Is-sena tibda bi fdal tal-Qamar L-aħħar Kwart fit-28 ta' Diċembru, 1953. Marte fl-għaqda ma' Saturnu, l-Art fil-Perilhelion. Żewġ kurrenti vertikali ħan-Nord Afrika sħun b'riħ xlokk fil-baxx u riħ frisk xott tat-tramuntana fejn jiltaqgħu jġibu salt beraq, xita u silġ. Temp inkonstanti jbiddel mar-riħ waqtiet ajru ċar fil-punent, baħar imċaqlaq qrib 1-3. Riħ ibddel bejn lvant u nofs inhar xlokk iġib sħab tax-xita waqtiet jonfoħ, arja umda, baħar imqalleb, spiss iberraq b'tempesta ġejja minn Sqallija qrib 3-5.

5 ta' Jannar. Qamar Ġdid Embolismiku fit-3.19 a.m. Eklissi Annulari tax-Xemx. Sħab oħxon abjad tas-silġ riesaq bi tramuntana kiesħa xotta ġej minn Sqallija u fwar tas-sħana umida ġej b'riħ nofs inhar lbiċ mill-Afrika fejn jiltaqgħu jġibu burraxki ta' xita u silġ, beraq jew sajjetti qrib Malta, ajru tempestus, baħar mewġi, jiċċara bil-punent qrib 5-7. Temp ibiddel mar-riħ filli bi ċpar donnu ftit tal-bnazzi bil-punent, ħin bla waqt, jasal ajru umidu bi sħab tax-xita, riħ ibiddel min-nofs inhar għal-lbiċ, pressjoni tinżel, buffuri fl-ajru u fil-baħar qrib 7-9. Temp inċert ħafna, fdal tas-sħab maqtugħ, waqtiet bix-xemx tiżreġ, u waqtiet bix-xita, riħ ibiddel filli xott sħun lvant idur nofs inhar lbiċċ, ajru niedi, Qamar fil-Periġea, baħar kalm, ħin bla waqt l-ajru jitħassar, maltempata għaddejja qrib Malta qrib 9-12.

12 ta' Jannar. L-ewwel Kwart fis-1.20 a.m. Ċikluni mxerrda mal-majistral tramuntana ta' l-Ewropa jġibu resħa ta' bard inġazzat, temp ibiddel ħafna, arja xotta, waqtiet ta' riħ jonfoħ kważi tempestus majistral, imur tramuntana baħar imqalleb, bosta sigħat ta' temp b'ajru ċar u xemx tiddi qrib 12-14. Kurrenti vertikali ta' żewġt irjieħ, fil-għoli majistral tramuntana b'temp sabiħ, bard ixoqq l-għadam, xemx tiddi, fil-baxx fwar tan-nida, bi sħab kull tant tal-beraq, xita u silġ, riħ ibiddel punent għal nofs inhar lbiċċ qrib 14-16. Qamar fl-għaqda ma' Giove, ajru mhedded bi sħab ta' tempesta, beraq u sajjetti riħ kiesaħ tat-tramuntana ġejn mill-Ewropa jgħaddi għall-Afrika jmiss fuqna baħar bi stakkatur, l-ajru jiċċara kull tant bi fdal tax-xita qrib 16-19.

19 ta' Jannar. Qamar Mimli fit-3.35 a.m. Ekklissi Totali tal-Qamar. Temperatura baxxa, temp varjabli, riħ frisk xott tramuntana jsir umdu idur punent, waqtiet l-ajru jonfoħ bil-buffuri u stakkaturi ta' baħar, u waqtiet jiċċara miftuħ jiżdied il-bard qrib 19-21. Xemx fl-Akwarju, riħ sħun mill-grieg lvant,

sema mdennes bi ċpar, inqas bard bix-xemx, iżda jdur riħ isfel iqanqal maltempata bix-xita u riħ, baħar imqalleb bil-grigal qrib 21-23. Kurrent relattiv ta' riħ bejn tramuntana u grieg lvant iqalleb l-ajru, kesħa mal-lejl, xemx tiddi għal bosta sigħat sħaħ, interval ta' bnazzi, jarġa jitħassar l-ajru mill-ġdid, Qamar fl-Apogea qrib 23-25. Sema msaħħab bi ftit jew xejn xita, sħab jinħall bis-sħana umda ta' riħ nofs inhar idur lvant, temp ma torbotx fuqu ibiddel mar-riħ, baħar mewġi qrib 25-27.

☾ 27 ta' Jannar. L-aħħar Kwart fl-4.26 a.m. Qamar fl-għaqda ma' Saturnu u fit-28 ma' Marte. Temp mhedded minn uragan fl-Atlantiku jgħaddi għal nofs l-Ewropa jġib fuqna sħab abjad tas-silġ, xita qawwija u salt beraq u sajjetti, riħ frisk umdu jinżel għax-xlokk sħun, it-tempesta tgħaddi għal lvant, baħar imqalleb qrib 27-29. Jiċċara l-ajru, iżda bi fdal ta' sħab oħxon, id-Delfin jinżel iġib maltempata oħra, baħar u riħ tempestużi nofs inhar xlokk idur lvant b'kurrenti sħan jiltaqgħu mal-kurrenti kiesħa ta' l-Ewropa, spiss iberraq għax-xita abbundanti, bard tremend qrib 29-31.


# CAMILLERI & ATTARD

GENERAL MERCHANTS AND CONFECTIONERY

ALL LIKES OF CHOCOLATE

42, OLD THEATRE STREET, VALLETTA

(Under the Arcades)

# A LA VILLE DE LYON

PAOLO CAMILLERI

105, 106, ST. JOHN STREET — VALLETTA.

Telephone: Central 4635

Stabbiliment kbir ta' drappijiet mill-aħjar għar-rġiel u nisa, kif ukoll għas-staten tal-qassisin. Suf ta' l-ilbiesi u tal-Coatijiet.

KOLLOX MILL-AĦJAR — PREZZIJIET MILL-ORĦOS

# Messrs Mizzi Brothers

*283, KINGSWAY, VALLETTA.*

— EST. 1919 —

## THE LEADING AUTOMOBILE DEALERS

## SERVICE STATION ... RUE D'ARGENS ... GZIRA

**Sole Malta Distributors for**

THE NUFFIELD GROUP

Morris — Wolseley — M.G. — Riley.
Morris Commercial Vehicles
Morris Marine & Industrial Engines & S.U. Products.

**Service Agents for**

Messrs Smith Motor Accessories Ltd.
Messrs Joseph Lucas Limited.
Messrs C. A. V. Limited.
Messrs Girling Limited.
Messrs Solex Limited.
Messrs Ferodo Limited.
Messrs Champion Sparking Plug & Co. Limited.
Messrs Radiomobile Limited.

**A large section of new and used cars can be seen at our**

**SHOWROOMS.**

**Trial runs easily arranged at a moment's notice**

Telephone: Central 4929.

# FRAR *(28 Jum)*

Ix-xahar ta' l-App. Missierna San Pawl. (Ix-xahar tat-tnibbit). Ix-xemx titla fis-6 u 51 min. u tinżel fil-5 u 9 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal ta' (Pesce) l-Ħut. Jikbru l-ġranet siegħa 39 minuta jonqsu ljieli siegħa u 3 minuti.

| | | |
|---|---|---|
| | 1 Tnejn. | S. Injazju Isqof Martri. |
| | 2 Tlieta. | Purifikazzjoni ta' Marija V. *Kandlora.* |
| | 3 Erbgħa. | S. Blas Isq. M. |
| | 4 Ħamis. | S. Andrija Corsini Isq. K. — S. Ġużepp ta' Ljonissa. |
| | 5 Ġimgħa. | S. Agata V.M. *Patr. M.*—SS. Pier Batt. u sħ. M. |
| | 6 Sibt. | S. Titu Isq. K. — S. Dorotea V.M. |
| ✠ | 7 Ħadd. | V. S. Romwaldu Abb. — Bb. Riż. Eġid. u [Ant. K. |
| | 8 Tnejn. | S. Ġwann ta' Matha K. |
| | 9 Tlieta. | S. Ċirillu Isq. D. — S. Apollonia V.M. |
| ✠ | *§ 10 Erbgħa. | Nawfraġju ta' S. Pawl App. f'Malta *Tit. l-Belt.* |
| | 11 Ħamis. | Dehra ta' Marija V. f'Lourdes. |
| | 12 Ġimgħa. | Is-7 Fundaturi Ord. Servi ta' M.V. |
| | 13 Sibt. | Tas-VI Ħadd wara l-Epif. — B. Ġwann M. |
| ✠ | 14 Ħadd. | Settwaġesima. S. Valentin M. — S. Ġwanna Valesia |
| | 15 Tnejn. | SS. Faws. Ġov. M. Trans. ta' S. Ant. ta' Padova |
| | 16 Tlieta. | Ferja—Bb. Filippa Ewstokja u Veridjana V. |
| | 17 Erbgħa. | Ferja—Bb. Luqa Andrija u Pietru K. |
| | 18 Ħamis. | S. Xmun Isq. M. |
| | 19 Ġimgħa. | S. Korradu Eremita K. |
| | 20 Sibt. | Kons. Konkatt, Belt. — Ferja. |
| ✠ | 21 Ħadd . | Sessaġesima. |
| | 22 Tnejn. | Katt. ta' S. Pietru — S. Marg. ta' Kortona. |
| | 23 Tlieta. | S. Pietru Damjani Isq. K.D. |
| | † 24 Erbgħa. | S. Mattija App. M. |
| | 25 Ħamis. | Ferja — B. Sebastjan ta' Apparicio K. |
| | 26 Ġimgħa. | Ferja. |
| | 27 Sibt. | S. Gabriel ta' l-Addolorata K. |
| ✠ | 28 Ħadd. | Kwinkwaġesima. Bb. Ant. Anġl u Ludovika. |

IS-SAHHA TAGHMLEK KUNTENT — IS-SAHHA HI

L-BOVRIL

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL FRAR

Żewġ kurrenti vertikali, sħun umdu tas-Saħħara jġib riħ varjabli lvant għal nofs inhar u ieħor frisk xott tat-tramuntana bi sħab oħxon nieżel minn Sqallija fejn jiltaqgħqu jqanqlu tempesta ta' beraq u ħafna xita, riħ qawwi jdur punent majjistru, baħar imċaqlaq, waqtiet ajru ċar u moderat qrib 1-3.

3 ta' Frar. Qamar Ġdid ta' Jannar 1954 fl-4.53 p.m. Pressjoni tinżel, temperatura titla', ikompli l-maltemp, sħab oħxon ta' beraq u xita bil-qliel, mard ta' l-influwenza, riħ ibiddel minn nofs inhar lbiċ idur punent frisk niedi ijftaħ l-ajru sabiħ qrib 3-5. Temp tipikali miftuħ l-ajru bis-sħab maqtugħ għax-xita kull tant, riħ varjabli jonfoħ bejn punent u lbiċ, inqas bard, xemx tiddi, baħar mewġi qrib 5-7. Qamar fil-Perigea, riħ jonfoħ varjabbli b'żewġ kurrenti kuntrarji, punent frisk umdu, u lvant sħun xott, waqtiet jiftaħ l-ajru ċar bi sħab maqtugħ ta' xi bexxa, kull tant u waqtiet jonfoħ riħ bil-buffuri fl-art u fil-baħar qrib 7-9. Riħ idur majistral tramuntana iżjed bard irqieq xott mal-lejl, sħab maqtugħ jinfex fir-riħ lejn lvant, baħar mewġi, xemx kull tant b'sema miftuħ qrib 9-10

10 ta' Frar. L-ewwel Kwart fid-9.27 a.m. Fażi ta' tibdil, pressjoni tinżel, riħ minn majistral tramuntana jaqsam issħab ta' kurrent sħun riħ nofs inhar fil-baxx ġej mill-Afrika, jidher bnazzi, l-ajru juri li ġejja tempesta ħin bla waqt ħdejn Għawdex qrib 10-12. Temp inkostanti, interval ta' bnazzi iżda filli riħ majistral tramuntana frisk xott inġazzat ġej minn Sqallija, idur riħ punent għal riħ nofs inhar, sħab ta' beraq, xita u silġ għaddej ma' l-orizzont tagħna jista' jasal qrib 12-14. Riħ filli lvant sħun xott b'sema bi ċpar u mdennes, tiffriska l-arja bi tramuntana għal punent bi sħab għal beraq, irwiefen ta' riħ, xita u silġ fuq il-baħar, qrib 14-17.

17 ta' Frar. Qamar Mimli fit-8.15 p.m. Fdal tal-maltemp, temperatura baxxa, sema bi sħab tax-xita, riħ frisk qawwi grieg lvant, xemx tiddi għal sigħat, bard xott mal-lejl, idur riħ tramuntana jiċċara, baħar imqalleb, iberraq fl-orizzont qrib 17-20. Xemx fil-*Pisces* Ħut, riħ frisk xott tramuntana bi sħab jinħall bix-xemx, ftit tal-kalma, waqtiet riħ grieg lvant imur nofs inhar ibiddel mat-tibdil ta' l-ajrjiet koroħ, qrib Malta għaddejja tempesta, Arturu jġib xita miegħu fil-bidu tal-lejl qrib 20-22. Qamar fl-Apogea, Marte fl-għaqda ma' Saturnu. Temp ibiddel spiss filli bnazzi u ħelu bis-sħana bi nhar tax-xemx tiżreġ, bard xott mal-lejl, okkażżjoni bi sħab tax-xita f'xi ħinijiet biss, riħ ibiddel bejn lvant u nofs inhar jonfoħ f'waqtiet, baħar

ftit mewġi qrib 22-24. Riħ punent frisk umdu jiltaqa' ma' riħ kuntrarju nofs inhar xlokk iħawdu l-ajru, jidher Arturu u Marte fl-għaqda ma' Antares, filli bnazzi u filli jerġa' sema biż-żliega fl-orizzont, lejn lvant għaddejja ħafna xita bil-beraq qrib 24-26.

☾ 26 ta' Frar. L-aħħar Kwart f'nofs il-lejl u 27 minuta. Qamar fl-għaqda ma' Marte, temp imħawwad ħafna, bufuri qawwija ta' rwiefen għaddejjin ma' l-Ewropa bil-punent u pressjoni baxxa, waqt li pressjoni u temperatura għolja b'kurrenti kuntrari sħan minn nofs inħar xlokk resqin mill-Afrika, jitla' ajru bi sħab ta' temporal bil-beraq għaddej għal-lvant, xita bil-qliel, waqt li f'xi bnadi oħra temp moderat u baħar imqalleb qrib 26-28.

## L-ALMANAKK TAL-BDIEWA FIS-SENA 1954

M'għandkomx titilqu annimali għar-razza biex ikattru l-friegħ f'dawn il-ġranet għaliex huma ħżiena, dawk li m'humiex miktuba huma tajbin.

Jannar: 1, 22, 23, 24, 27, 28, 29.
Frar: 19, 20, 24, 25.
Marzu: 18, 19, 23, 24.
April: 14, 15, 16, 19, 20.
Mejju: 11, 12, 13, 16, 17, 18.
Ġunju: 8, 9, 13, 14.
Lulju: 5, 6, 7, 10, 11.
Awissu: 1, 2, 3, 6, 7, 8, 29, 30.
Settembru: 3, 4, 25, 26, 30.
Ottubru: 1, 22, 23, 24, 27, 28, 29.
Novembru: 18, 19, 20, 23, 24, 25.
Diċembru: 16, 17, 21, 22.

## META GĦANDEK TIŻRA U TĦAWWEL

| *Jimbet bikri* | *Jgħamel ħafna frott* |
| --- | --- |
| Jannar: 25, 26. | 1, 8, 9, 17, 18, 19, 27, 28, 29. |
| Frar: 21, 22, 23. | 5, 6, 14, 15, 24, 25. |
| Marzu: 20, 21, 22. | 4, 5, 13, 14, 23, 24. |
| April: 17, 18. | 1, 2, 9, 10, 11, 19, 20, 28, 29. |
| Mejju: 14, 15. | 6, 7, 8, 16, 17, 18, 25, 26. |
| Ġunju: 10, 11, 12. | 3, 4, 13, 14, 21, 22, 23, 30. |
| Lulju: 8, 9. | 1, 2, 10, 11, 19, 20, 27, 28, 29. |
| Awissu: 4, 5, 31. | 6, 7, 8, 15, 16, 24, 25. |
| Settembru: 1, 2, 27, 28, 29. | 3, 4, 12, 13, 20, 21, 30. |
| Ottubru: 25, 26. | 1, 9, 10, 17, 18, 19, 27, 28, 29. |
| Novembru: 21, 22. | 5, 6, 14, 15, 23, 24, 25. |
| Diċembru: 18, 19, 20. | 3, 4, 11, 12, 21, 22, 30, 31. |

# MARZU *(31 Jum)*

Ix-xahar ta' S. Ġużepp (ix-xahar tal-ħdura.) Ix-xemx titla fis-6 u 22 min. tinżel fil-5 u 38 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal (Ariete) Muntun. Jonqsu ljieli u l-ġranet jikbru 68 min. filgħodu u 51 min. filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| | 1 Tnejn. | Ferja |
| | 2 Tlieta. | Ferja — XV Anniv. ta' Tlugħ tal-Papa Piju XII u għeluq ta' Twelid tiegħu 78 sena (1) |
| | 3 Erbgħa. | Ferja tar-Rmied — Ras Ir-Randan *Sawm u Ast. ma, jistax isir iż-żwieġ.* |
| | 4 Ħamis. | S. Kasimiru K. — S. Luċju P.M. |
| | 5 Ġimgħa. | Ferja — Festa tal-Via Sagra. |
| | 6 Sibt. | SS. Perp. u Feliċita M. — S. Koleta V. |
| ✠ | 7 Ħadd. | I tar-Randan — S. Tumas t'Aquinu K.D. |
| | 8 Tnejn. | S. Ġwann di Dio K. |
| | 9 Tlieta. | S. Franġ. Rom. — S. Katerina ta' Bolonja V. |
| | 10 Erbgħa. | L-40 Qaddisin M. *K. T. Sawm u Astinenza.* |
| | 11 Ħamis. | Ferja — Bb. Ġwann u Kristofru K. (2). |
| | 12 Ġimgħa. | S. Girgor I Papa K.D. *tit. Kerċem* XV Anniv. ta' l-Inkoronazzjoni tal-Papa Piju XII *K.T. Sawm u Ast.* (3). |
| | 13 Sibt. | Ferja tal-Kwattru Tempi *Sawm u Ast.* |
| ✠ | 14 Ħadd. | II tar-Randan—Trans. ta' S. Bonaventura K.D. |
| | 15 Tnejn. | Ferja. |
| | 16 Tlieta. | Ferja. |
| | 17 Erbgħa. | S. Patrizju Isq. K. |
| | 18 Ħamis. | S. Ċirillu Isq. K.D.—S. Salvatur ta' Horta K. |
| ✠ *§ | 19 Ġimgħa.* | S. Ġużepp Għarus ta' M.V. *Sawm u Ast.* |
| | 20 Sibt. | Ferja — Bb. Ġwann Marku u Ippolitu K. |
| ✠ | 21 Ħadd. | III tar-Randan — S. Benedittu Abb. Fund. |
| | 22 Tnejn. | Ferja — S. Benvenutu Isq. K. |
| | 23 Tlieta. | Ferja. |
| | 24 Erbgħa. | S. Gabriel Arkanġlu. |
| † | 25 Ħamis. | L-Annunzjata ta' M. V. *tit. H. Balzan u Tarxien.* |
| | 26 Ġimgħa. | Ferja — B. Diegu Ġużepp K. |
| | 27 Sibt. | S. Ġwann Damaxenu K.D. |
| ✠ | 28 Ħadd. | IV tar-Randan — S. Ġwann ta' Kapistranu K. |
| | 29 Tnejn. | Ferja. |
| | 30 Tlieta. | Ferja — S. Pietru Regalatu K. |
| | 31 Erbgħa. | Ferja. |

(1) Il-lum u fit-12 ta' dan nitolbu għal Papa, bħala qima ntellgħu il-bandiera tal-Papa fuq il-bjut. (2) Fl-Ave Marija tindaqq mota u għada Te Deum għal festa tal-Papa Piju XII. (3) Proċessjoni ta' S. Girgor, Malta fil-Parroċċi u Għawdex mil-Kattedral fis-7 u nofs a.m.

IL-*BOVRIL* JAGĦTIKOM IS-SAĦĦA U ENERĠIJA

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL MARZU

Merkurju fl-ghaqda inferjuri, żewġ kurrenti kuntrarji b'riħ tramuntana frisk xott inġazzat iġib il-bnazzi, sema iżraq, baħar kwiet, ħin bla waqt ibiddel b'kurrent ta' nofs inhar Ibiċ ġej mis-Saħħara ftit shun, fejn jiltaqgħu jġibu sħab ta' beraq u xita abbundanti, buffuri ta' riħ u baħar qrib 1-3. Mard ta' l-influwenza, riħ varjabbli, lbiċ sħun tas-Saħħara u punent frisk niedi ġej mill-Atlantiku jġibu tempesti fil-Mediterran, ajru mħawwad, jasal fuqna sħab ta' xi bexxa jew riħ jobrom bil-buffuri, jiċċara malajr qrib 3-5.

🌑 5 ta' Marzu. Qamar Ġdid ta' Frar fl-4.9 a.m. Temperatura titla' ftit b'temp kalm, riħ punent moderat idur lbiċ bi sħab ta' riħ qawwi tempestus, baħar fili kwiet, jirvella, riħ imur lvant waqtiet fejn jiskot jinfexx f'xi bexxa ,tidher Aquila tqanqal tempesti ta' beraq u silġ man-Nord Afrika, Sqallija u Sardinja, Qamar fil-Perigea qrib 5-7. Żewġ kurrenti vertikali, lvant sħun xott iġiegħel is-sħab jinħall fi fwar ta' l-għomma, waqt li punent frisk niedi jinfexx f'riħ jonfoħ qawwi u baħar imċaqlaq moderat, waqtiet ta' bnazzi bix-xemx, riħ idur majistral tramuntana frisk xott qrib 7-9. Pressjoni titla' għal bnazzi, ajru ċar, xemx tikwi tar-rebbiegħa, riħ tramuntana frisk xott, nida mal-lejl, wara interval ta' bnazzi, riħ idur majistral jonfoħ, temporal għaddej lejn lvant ta' Malta, baħar isir imċaqlaq qrib 9-11.

🌓 11 ta' Marzu. L-ewwel Kwart fis-6.49 p.m. Żewġ kurrenti termiċi, frisk xott tramuntana jxoqq il-għadam ġej mill-Guaskonja jgħaddi għall-Mediterran, ċentru fl-Italja, jitla' ajru sħun umdu min-nofs inhar ġej minn Tuneż u Algier, fejn jiltaqgħu jġibu burraxki ta' ragħad, xita parzjali u silġ, Qamar fl-għaqda ma' Giove qrib 11-13. Merkurju stazzjonarju, temp xitwi, bard inġazzat, riħ frisk xott tal-Polu Nord, waqtiet tal-bnazzi bit-tramuntana jdur punent bi sħab ta' xi bexxa, tidher Argonave, tasal il-kaċċa bi kwantità ta' għasafar qrib 13-15. Riħ idur grieg lvant varjabli, sħab aktar tar-riħ milli tax-xita, ajru waqtiet sabiħ b'xemx tiddi, baħar ftit mewġi, orizzont għaddejja tempesta lejn Ioniu u fl-Adriatiku, spiss iberraq, jidher sħab ta' riħ qawwi u baħar mewġi qrib 15-17. Temp sabiħ, arja friska xotta rqieqa tat-tramuntana, bard xitwi mal-lejl, xemx tiddi għal bosta sigħat sħaħ, riħ ibiddel, idur grieg lvant, faċli biex jista' jitħassar xi ftit, għax f'xefaq il-baħar hemm il-beraq ta' xi taħwida fil-grigal, baħar ħafif jew ftit moderat qrib 17-19.

19 ta' Marzu . Qamar Mimli fis-1.40 p.m. Ix-xemx se tidhol fiz-Zenith, fl-Aries tibda r-Rebbiegħa fil-21 ta' dan, Qamar fl-Apogea. Temp ma torbotx fuqu, jidher sabiħ, xemx tiżreġ qawwija ġġib l-influwenza tad-deni, temperatura għolja, riħ varjabli, grieg tramuntana jinżel lvant iġib sħana soffokanti tiżdied b'riħ nofs inhar, jitla' ajru bi sħab ta' xita equinozjali qrib 19-22. Mewġa ta' sħana soffokanti barranija ġejja minn ħafna xita li niżlet fis-Saħħara tiffermenta l-arja, u b'xemx tiżreġ, xlokk idellek, idur riħ punent frisk niedi bi sħab ta' ħafna sajjetti, xita u silġ qrib 22-24. Barometru baxx, riħ vertikali minn nofs inhar xlokk waqtiet lvant, jiltaqa' b'arja friska xotta tat-tramuntana effett tas-silġ li niżel fuq Sqallija, il-kurrenti kontrari jkomplu bil-beraq, xita kontinwa u tempesti mxerrda mal-Mediterran, jiċċara malajr qrib 24-26. Iżjed beraq u sajjetti b'xita bil-qliel, waqtiet l-ajru jiftaħ u jerġa', sena abbundanti, Qamar fl-għaqda ma' Marte. Jibbnazza skond l-istaġun jinqabat ħafna ħut u l-kaċċaturi jistennew it-tajr ġej fuqna riħ nofs inhar xlokk qrib 26-27.

27 ta' Marzu. L-aħħar Kwart fil-5.12 p.m. Uranu stazzjonarju. Temperatura baxxa b'kurrent frisk xott tat-tramuntana ġej mill-Polu Nord jiltaqa' ma' kurrent vertikali nofs inhar sħun umdu jqajjmu buffuri ta' riħ u baħar bi fdal ta' sħab tal-beraq u xita bil-qliel, tempesta għaddejja viċin tagħna, jibnazza b'temp ta' l-istaġun qrib 27-29. Qamar fl-Akwarju, Merkurju fl-ikbar elongazzjoni W. Barometru baxx , riħ nofs inhar lbiċ sħun niedi b'ħafna sħab ta' xita kontinwa, tempesti ta' sajjetti ma' l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq, annata tajba, għaddej tempo-ral qrib Għawdex, riħ u baħar imqanqla qrib 29-31.


# GĦAWDEX?

GĦALIEX TONFOQ IŻJED META SSIB TIXTRI B'ORĦOS U AĦJAR? . . . . . . . . . . .

Ipprovaw il-Prezzijiet fl-Istabbiliment tal-MOBBLI ta'

*LORETO XUEREB*

1, ST. JAMES STREET, RABAT jew IL-QALA, GĦAWDEX

Aġent ta' Singer Sewing Machine Co.

IBIEGĦ KULL XORTA TA' KARROZZI TAT-TFAL

# APRIL *(30 Jum)*

Ix-xahar tal-Għid (Ix-xahar tal-fjuri). Ix-xemx titla fil-5 u 46 min. u tinżel fis-6 u 4 p.m. Ix-xemx tidħol fis-sinjal ta' (Toro) Gendus. Jonqsu ljieli u l-granet jikbru 62 min. filgħodu u 42 min. filgħaxija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | Ħamis. | Ferja. |
| | 2 | Ġimgħa. | S. Franġisk ta' Pawla K. |
| | 3 | Sibt. | Ferja—Bb. Gandulfu Ġwann u Guljelmu K. |
| ✠ | 4 | Ħadd. | tal-Passjoni — S. Isidor K.D. — S. Bened. |
| | 5 | Tnejn. | S. Vinċenz Ferreri K. [Moru K. |
| | 6 | Tlieta. | Ferja — B. Marija Krescenza V. |
| | 7 | Erbgħa. | Ferja. |
| | 8 | Ħamis. | Ferja. — B. Ġuljan ta' S. Agostino K. |
| | 9 | Ġimgħa. | Id-Duluri ta' M.V. |
| | 10 | Sibt. | Ferja — B. Marku Fantuzju K. |
| ✠ | 11 | Ħadd. | Il-Palm — Għid iż-Żebbuġ — S. Ljuni P.K.D. |
| | 12 | Tnejn. | Ferja — B. Anġlu minn Klavasju K. |
| | 13 | Tlieta. | Ferja — S. Ermeneġildu M. |
| | 14 | Erbgħa. | Ferja — Tat-tniebri — S. Ġustinu M. |
| | 15 | Ħamis. | Ix-Xirka — L-aħħar Ċena ta' S. Ġesù Kristu. |
| *§ | 16 | Ġimgħa. | Il-Kbira—Mewt ta' S. Ġesù Kristu Sawm u Ast. |
| | 17 | Sibt. | Il-Għid — Tberik tad-Djar. |
| ✠ | 18 | Ħadd. | Il-Għid Il-Kbir. |
| † | 19 | Tnejn. | tal-Għid. *Jista' jsir iż-żwieġ.* |
| † | 20 | Tlieta. | tal-Għid. |
| | 21 | Erbgħa. | tal-Ottava — S. Anselmu Isq. K.D. *Proċ. ta' S. Girgor Malta.* |
| | 22 | Ħamis. | tal-Ottava—SS. Soter. Kaju P.M.—B. Franġ. K. |
| | 23 | Ġimgħa. | tal-Ottava—S. Ġorġ M. *tit. Ħ. Qormi, u Vitt. Għawdex B. Eġidiu K.* |
| | 24 | Sibt. | tal-Ottava — S. Fidiel M. |
| ✠ | 25 | Ħadd. | in Albis — Ottava tal-Għid *Il-Lunzjata Ħ. Balzan.* |
| | 26 | Tnejn. | S. Mark Evanġ.—SS. Kletu u Marċellinu P.M. |
| | 27 | Tlieta. | S. Pietru Kanisju K.D. |
| | 28 | Erbgħa. | S. Pawl tas-Salib K. — S. Vital — B. Lukkesju |
| | 29 | Ħamis. | S. Pietru Martri. |
| | 30 | Ġimgħa. | S. Katerina V. — S. Ġuż. Benedit K. |

**KOK TAJJEB DEJJEM JUŻA L-*BOVRIL***

# TAGĦRIF TAT-TEMP GĦAL APRIL

Qamar fl-għaqda ma' Merkurju. Jinżlu Virġilji, riħ varjabli lbiċ sħun umdu fdal tal-maltemp, l-arja tiffriska bil-punent, temp mhedded mal-Mediterran u ma' l-Afrika ta' Fuq. perijodu ta' xita u silġ. Riħ qawwi fejn ix-xita ma tilħaqx għax is-sħab jinħal fl fwar u tidlik baħar imċaqlaq, waqtiet jibnazza, xemx tiddi u jerġa' mill-ġdid spiss iberraq qrib 1-3.

3 ta' April, Qamar Ġdid ta' Marzu fis-1.23 p.m. Qamar fil-Perigea fit-3 u fl-għaqda ma' Venere fl-4 ta' dan. Żewġ kurrenti vertikali ta' riħ frisk, iżda kurrent ieħor xott tal-lvant iqajjem riħ u baħar qawwi, jerġa' jibbnazza bix-xemx tiddi, ma torbotx fuqu t-temp qrib 3-5. Temperatura tinżel, riħ frisk xott tal-majistral tramuntana iżomm ftit tal-bnazzi, sema ċar u baħar ftit mewġi, jinżel waqtiet nofs inhar lbiċ wara ftit tal-kalma, temp isir inkostanti bi sħab f'għamla tax-xita qrib 5-8. Virġilji jinżlu jġibu resħa ta' bard xott mal-lejl tal-majistral tramuntana bil-bnazzi, il-beraq ma' l-orizzont ta' Sqallija juri li hemm temporal qasir, riħ idur nofs inħar sħun umdu ta' l-Afrika fejn jiltaqgħu l-kurrenti l-ajru jitħassar u jġibu beraq, xita u riħ, baħar imqalleb. Qamar fl-għaqda ma' Ġiove qrib 8-10.

10 ta' April. L-ewwel Kwart fis-6.3 a.m. Perijodu ta' riħ frisk xott tramuntana tal-Polu Nord jonfoħ u jbiddel għall-punent umdu, waqtiet nofs inhar lbiċ ġej mill-Afrika, filli temp sabiħ isir inkostanti, riħ jiżdied, baħar imċaqlaq, jidher sħab tal-beraq fl-orizzont ta' tempesta ħdejna qrib 10-12. Temp varjabli, jidher sabiħ iżda spiss mgħotti s-sema bi sħab u xemx imgħajra, riħ idur grieg lvant, ħin bla waqt iqum ivenven bħal riefnu ftit qawwi iħarrek il-baħar qrib 12-14. Intervalli ta' temp ħelu ħafna, riħ varjabli jbiddel bejn frisk xott grieg tramuntana jdur lvant iħoll is-sħab fl fwar ta' ċpar b'xemx tiżreġ għal bosta sigħat, bard mal-lejl, baħar jonfoħ qrib 14-16. Nida filgħodu, sħab oħxon juri li ġej riħ qawwi jew xita, waqtiet jidher il-beraq, f'xi bnadi jaħbat ibexxex, tempesta qasira mil-lvant għal nofs inhar ta' Malta. l-arja tisħon u xemx tiddi, jibnazza malajr qrib 16-18.

18 ta' April. Qamar Mimli fis-6.46 a.m. Riħ, temp u temperatura jitbiddlu spiss iġibu l-mard, kurrent sħun Afrikan tal-Libja b'riħ nofs inhar xlokk iħoll is-sħab fl fwar u nida, xemx taħraq, sema iżraq, baħar kalm, riħ jiffrika bil-punent fejn jiltaqgħu l-kurrenti jberraq għal xi bexxa. Qamar fl-għaqda ma'Saturnu jġib ajru mħawwad qrib 18-20. Xemx fit-Taurus. Qamar fis-Sagittarju, barometru jinżel minn tempesti

qosra mal-Mediterran, spiss iberraq fl-orizzont jurі sħab oħxon riesaq tax-xita jiddependi mit-taqlib tar-riħ filli punent bnazzi jinżel nofs inhar xlokk, il-maltemp jgħaddi għal-lvant, baħar mewġi qrib 20-22. Jidhru Virġilji, baħar mimli ħafna, temp inkostanti u mqalleb, kurrenti sħan tas-Saħħara riħ lvant idur nofs inhar xlokk, sħab jinħall fi fwar bix-xemx tiddi, imbagħad tiffriska l-arja bi tramuntana xotta. Qamar fl-għaqda ma' Marte, temp mhux ħażin f'waqtiet, ħin bla waqt għall-għarrieda jitla' ajru ikrah, beraq, xita qawwija mqanqla minn tempesta fuq Sqallija qrib 22-24. Ajru jkompli bix-xita u beraq fl-orizzont, tempesta qasira fuq il-baħar, temp inkostanti, riħ ibiddel b'żewġ kurrenti termiċi, frisk fil-għoli bi sħab tat-tramuntana u sħun Afrikan ta' riħ isfel, nofs inhar lbiċċ jibbnazza malajr qrib 24-26.

☾ 26 ta' April. L-aħħar Kwart fil-5.55 a.m. Uragan mill-Atlantiku jgħaddi fl-Ewropa bi sħab elettriku jġib ma' nofs inhar lbiċ kwantità ta' xita, silġ u beraq, żiffa friska rqleqa tat-tramuntana tiċċara l-ajru f'salt, temp filli sabiħ fuqna, jitħawwad f'daqqa, xemx imgħajra, donnu x-xitwa, Saturnu kontra x-Xemx qrib 26-28. Titla' *Capra* jinżel *Cancer*, Qamar fil-*Pisces*, riħ ibiddel jonfoħ lbiċ sħun ġej minn Tuneż, temp x'aktarx inkostanti ftit, għax kurrent ta' riħ frisk umdu bil-punent jiltaqgħu, iġibu ħafna sħab ta' xita qasira, spiss iberraq għaddejja maltempata fil-punent ta' Malta, baħar mewġi, jibnazza minnufih qrib 28-30.


**NIRRIKMANDAW**

**Il meta jkollok bżonn ta' Żarbun, Qmis, Peduni, Sandli, eċċ.,**
**Għalik jew għal Mara u t-Tfal**

**MUR GHAND:**

**JOSMIC**

**4A, ZABBAR ROAD, PAWLA**

Tel. Central 5123.

**THE ROYAL STUDIO**

JOHN CIANCIO — PHOTOGRAPHER

**133, OLD THEATRE STREET, VALLETTA (Palace Square)**

AWARDED LOCAL & FOREIGN MEDALS & CERTIFICATES
SPECIALIST IN PORTRAITURE & WEDDING GROUPS
TAKEN BY APPOINTMENT
**Other engagements outside Studio by appointment.**

# MEJJU *(31 Jum)*

Ix-xahar tal-Madonna (ix-xahar tal-ħsad). Ix-xemx titla fil-5 u 15 il-minuta u tinżel fis-6 u 45 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal tal-(Gemini) Tewmin. Jonqsu ljieli u jikbru l-ġranet 41 min. filgħodu u 44 min. filgħaxija

| | | |
|---|---|---|
| | † 1 Sibt. | SS. Filippu u Ġakbu App. M. |
| ✠ | 2 Ħadd. | II. S. Atanasju Isq. K.D. *S. Publju, Furjana.* |
| | † 3 Tnejn. | Meta nstab is-Salib Imqaddes — S. Alessandru [M. |
| | 4 Tlieta. | S. Monika, Armla. |
| | 5 Erbgħa. | Patroċinju ta' S. Ġużepp — S. Piju V. Papa K. |
| | 6 Ħamis. | Martirju ta' S. Ġwann App. Evanġ. |
| | 7 Ġimgħa. | S. Stanislaw Isq. M. |
| | 8 Sibt. | Dehra ta' S. Mikiel Ark. — *Madonna ta' Pompei* |
| ✠ | 9 Ħadd. | III. S. Girgor Nazjanżenu Isq. K.D. *tar-* |
| | 10 Tnejn. | S. Antoninu Isq. K. *[Rużarju Marsaxlokk.* |
| | 11 Tlieta. | S. Injazju minn Lakoni K. |
| | 12 Erbgħa. | Ottava ta' S. Ġużepp — SS. Ner. u sħ. M.— S. Filep *tit. Ħ. Żebbuġ.* |
| | 13 Ħamis. | S. Robertu Bellarminu Isq. K.D. |
| | 14 Ġimgħa. | S. Bonifazju M. — Bb. Ben. Ġuljan u Ġakbu K. |
| | 15 Sibt. | S. Ġwann Bap. de la Salle K. (1) |
| ✠ | 16 Ħadd. | IV. S. Ubaldu Isq. K. *Festa ta' S. Ġorġ.* |
| | 17 Tnejn. | S. Paskal Baylon K. *[Vittoria Għawdex.* |
| | 18 Tlieta. | S. Venanzju M. — S. Feliċ. |
| | 19 Erbgħa. | S. Pietru Ċelestinu P.K. — S. Teofilu K. |
| | 20 Ħamis. | S. Bernardin ta' Siena K. |
| | 21 Ġimgħa. | Ferja — Bb. Ladislaw, Krispin u Vivaldu K. |
| | 22 Sibt. | Ferja — Bb. Ġwann u oħrajn M. |
| ✠ | 23 Ħadd. | V. — Bb. Bartilmew, Benvenut u Ġerardu K. *S. Ġorġ Ħ. Qormi.* |
| | *§ 24 Tnejn. | Ferja — Bb. Ġwann, Ġwann ta' Ċetina u Pietru K. *Rogazzjoni.* |
| | 25 Tlieta. | S. Girgor VII — Kons. tal-Baż. t'Assisi — S. Urbanu P.M. |
| | 26 Erbgħa. | S. Filippu Neri K.—S. Marija Anna ta' Ġesù V. |
| ✠ | *§ 27 Ħamis. | Ġesù Kristu tela s-Sema. S. Beda Ven. *Lapsi.* |
| | 28 Ġimgħa. | tal-Ottava—S. Wistin Isq. ta' Canterbury. *Nov. ta' S.S.* |
| | 29 Sibt. | tal-Ott.—S. Marija Mad.—Bb. Stief. u Raim. |
| ✠ | 30 Ħadd. | Bejn l-Ott. — S. Feliċ I. P.M. — S. Ferd. Re K. *S. Filep Ħ. Żebbuġ.* |
| | 31 Tnejn. | tal-Ott.—S. Anġ. Meriċi V. — S. Marija Med. tal-Grazzi *S. Cuor Sliema.* |

(1) Fil-Kattedral Għawdex, Anniv. għal mejtin tal-gwerra, 1939.

**BIEX ISSAĦĦU ĠISIMKOM DEJJEM ĦUDU L-*BOVRIL***

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL MEJJU

Żiffa friska tal-punent tinħass effett tal-maltemp li għadda tiltaqa' ma' kurrent sħun xott lvant, jġibu taqlib ta' temp u riħ varjabli jonfoħ ġmielu, sħab maqtugħ, jibnazza b'xemx tiżreġ, baħar bil-furar, riħ idur majistral tramuntana, Qamar fil-Perigea fit-2 ta 'dan qrib 1-3. Ċentawru jitfaċċa, Qamar fl-għaqda ma' Venere, riħ majistral tramuntana frisk xott, sema ċar, xemx tiddi bil-bnazzi. L-ajru jitħassar f'salt b'riħ triq kuntrarju sħun nofs inhar, ġej minn Tuneż, f'xefaq il-baħar ileħħ il-beraq ta' tempesta riesqa lejna bix-xita, riħ u baħar qawwija qrib 3-5. Qamar fl-għaqda ma' Ġiove, Cancer iġib temp xitwi, bard mal-lejl, Virġilji jinżlu, tempesti ta' beraq u xita mxerrda ma' l-Italja, Sqallija u Sardinja jeffettwaw fuqna, riħ ibiddel majistral tramuntana jdur punent jonfoħ moderat, baħar mewġi qrib 5-7. Merkurju fl-għaqda superjuri. Temp sabiħ ħafna, żiffa friska xotta tat-tramuntana ġejja minn Sqallija, riħ idur varjabli ħafna punent bi fdal ta' sħab b'turija tax-xita, iżda kurrenti kuntrari tal-lvant sħan xotti jħollu s-sħab fi fwar, waqtiet riħ grieg lvant bi sħab abjad u temp ħelu qrib 7-9.

9 ta' Mejju. L-ewwel Kwart fis-7.15 p.m. Temp ibiddel mar-riħ, temperatura għolja b'riħ lvant sħun xott, sħab jinħall fi fwar b'xemx tiżreġ, baħar debbli, jilħaq kurrent frisk xott ta' l-Adriatiku bi grieg tramuntana fejn jiltaqgħu l-kurrenti jħawdu l-ajru b'temporal bir-ragħad u xita qrib 9-11. Bard xott mal-lejl, riħ grieg lvant, xemx taħraq għal bosta sigħat sħaħ, temp brillanti, sħana b'inhar, baħar kalm, riħ idur tramuntana ttaffi l-għomma qrib 11-13. Kurrent sħun ta' riħ triq tas-Saħħara min-nofs inhar jonfoħ ftit, xemx tiddi, temp moderat ħafna għal bnazzi, riħ idur lvant iħoll is-sħab f'tidlik donnu s-sajf, waqtiet riħ jaħraq ta' l-Ekwatur qrib 13-15. Qamar fl-Apogea fl-għaqda ma' Saturnu, ċpar tas-sħana bix-xlokk, riħ idur punent jiffriska xi ftit, sħab għaddej tax-xita lejn lvant, f'xi bnadi jinħall fi fwar bix-xemx, ajru mdennes, baħar bnazzi qrib 15-17.

17 ta' Mejju. Qamar Mimli fl-10.45 p.m. Riħ ibiddel spiss filli punent frisk umdu bi sħab ta' xi bexxa, waqtiet riħ sħun xott ta' nofs inhar xlokk, xemx tiżreġ, temp sabiħ sajfi, baħar lixx. idur riħ grieg tramuntana jobrom bil-buffuri. Nida filgħodu qrib 17-19. Tkompli s-sħana b'riħ nofs inhar xlokk waqtiet lvant, Coro jbiddel ir-riħ b'kurrenti kuntrari ta' arja friska tal-majistral tramuntana nieżel mill-Ewropa, fejn jiltaqgħu jġibu sħab ta' tempesta, beraq u silġ jgħaddi, malajr jibnazza qrib 19-21. Xemx tidħol fil-Gemini, Arturu jinżel, żewġ kurrenti

termiċi nofs inhar shun umdu u tramuntana frisk xott, ħawdu l-ajru b'temporal fuq il-baħar, l-ewwel jonfoħ riħ qawwi kif jiskot is-sħab jinfexx fil-beraq u xita abbundanti, intervalli sbieħ, Qamar fl-għaqda ma' Marte qrib 21-23. Venere f'għaqda ma' Giove, Capra ġġib filgħodu riħ punent, waqt li kurrent sħun umdu ta' nofs inhar ibiċ iġib sħab ta' ħafna xita, ajru mqalleb mar-riħ, tempesta għaddejja qrib Għawdex, spiss iberraq, jibnazza b'xemx imgħajra qrib 23-25.

☾ 25 ta' Mejju. L-aħħar Kwart fis-2.47 p.m. Filli bnazzi b'xemx tiżreġ, b'kurrent ta' riħ triq tas-Saħħara ibiċ, u filli riħ idur frisk umdu punent majistru jiftaħ l-ajru iktar għal bnazzi, temp ħelu, baħar bi tranja qrib 25-27. Sema iżraq, xemx tiżreġ, baħar kwiet, riħ frisk umdu punent jonfoħ regolari b'żiffa rqieqa jdur riħ kuntrarju sħun xott lvant jobrom bil-buffuri qrib 27-29. Jidhru Virġilji, temperatura tinżel b'riħ frisk xott inġazzat tramuntana idur majistral fit-tard, temp ġenjali, xemx tiddi, baħar bil-furar qrib 29-30. Qamar fil-Perigea, Merkurju fl-għaqda ma' Giove jġibu temp filli bnazzi, jitħassar f'salt, pressjoni tinżel turi li ġej riħ qawwi frisk majistral tramuntana kważi tempestuż, baħar qawwi fil-Kanal ta' Sqallija, spiss iberraq għax-xita bi sħab oħxon qrib 30-31.

*PEJPU DEJJEM IL-FAMUŻI SIGARRI*

TAD-DITTA

**MICHELE LICARI**

IPPREMJATI B'MIDALJI TAL-FIDDA U B'ĊERTIFIKATI MILL-ESPOŻIZZJONI TA' MALTA U WEMBLEY

287, St. Paul's Str., Valletta — 63, 84, St. Paul's Str., Cospicua.

MALTA.

BOOKSELLERS & WATCHMAKERS

**SCHEMBRI STORES**

10, ST. GEORGE'S SQUARE, VICTORIA — GOZO.

Phone: Gozo 226.

# ĠUNJU *(30 Jum)*

Ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesù. (Ix-xahar tad-Dris.) Ix-xemx titla fil-5 u 51 min. u tinżel fis-7 u 9 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal tal-Cancer (Granċ). Jikbru l-ġranet sas-17 ta' dan xi 7 min. filgħodu sal-25 ta' dan xi 14 min. filgħaxija mbagħad jonqsu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | Tlieta. | tal-Ottava — S. Anġela Meriċi V. |
| | 2 | Erbgħa. | tal-Ott. — SS. Marċellinu, *Pietru* u Erazmu *M.* |
| | 3 | Ħamis. | Ottava ta' l-Axxensjoni. |
| | 4 | Ġimgħa. | S. Franġisk Karaċċiolo K. |
| | 5 | Sibt. | Vġili tal-Għid il-Ħamsin — S. Bonif. I.M. |
| ✠ | 6 | Ħadd. | L-Għid il-Ħamsin. [*Sawm u Ast.* |
| † | 7 | Tnejn. | tal-Għid il-Ħamsin. |
| † | 8 | Tlieta. | tal-Għid il-Ħamsin. |
| | 9 | Erbgħa. | tal-Ott. — SS. Primu u Feliċ M. — Bb. And. Pac. u Lawr. *K.T. Sawm u Ast.* |
| | 10 | Ħamis. | tal-Ott. S. Margerita Reġina. |
| | 11 | Ġimgħa. | tal-Ott.—S. Barnaba App. M. *K.T. Sawm u A.* |
| | 12 | Sibt. | tal-Ott. S. Ġwann minn S. Facundo K. *K.T. Sawm u Ast.* |
| ✠ | 13 | Ħadd. | I wara Pent. SSma. Tinità. *Tit. Marsa.* |
| | 14 | Tnejn. | S. Antnin ta' Padova K.D.—S. Bażilju Isq. K.D. |
| | 15 | Tlieta. | SS. Vitu u sħ. M.—Bb. Ġulenta, Umiliana u [Pawlu. |
| | 16 | Erbgħa. | Ferja. |
| ✠ *§ | 17 | Ħamis. | SSmu. Korp ta' Kristu. *Tit. Għasri Għawdex.* |
| | 18 | Ġimgħa. | tal-Ott.—S. Efrem K.D.—SS. Mark u Marċ. M. |
| | 19 | Sibt. | tal-Ott. S. Ġuljana V. — SS. Ġerv. u Prot. M. |
| ✠ | 20 | Ħadd. | II. — B. Mikelina — Ott. ta' S. Antnin. |
| | 21 | Tnejn. | tal-Ott. S. Luiġi Konzaga K. |
| | 22 | Tlieta. | tal-Ott. S. Pawlinu Isq. K. |
| | 23 | Erbgħa. | tal-Ottava — S. Ġużepp Kafasso K. |
| | 24 | Ħamis. | Ottava ta' Korpus. |
| | 25 | Ġimgħa. | Qalb SSma. ta' Ġesù — S. Guljelmu Abb. *Tit. Funtana Għawdex.* |
| | 26 | Sibt. | SS. Ġwann u Pawlu M. |
| ✠ | 27 | Ħadd. | III. Twelid ta' S. Ġwann Batt. *Konk. Belt u [Xewkija Għawdex.* |
| | 28 | Tnejn. | S. Irenew Isq. M. |
| ✠ *§ | 29 | Tlieta. | Martirju ta' S. Pietru u S. Pawl App. M. *L-Imdina u Nadur Għawdex.* |
| | 30 | Erbgħa. | Tifkira tal-Mart. ta' S. Pawl App. *Tit. Rabat Malta.* |

**IL-*BOVRIL* JAGHMEL SANDWICHES WISQ DELIZZJUŻI U MEHTIEĠA GHAX-XTAJTA**

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL ĠUNJU

🌑 1 ta' Ġunju. Qamar Ġdid ta' Mejju fil-5.1 a.m. Aquila titfaċċa, Qamar fl-għaqda ma' Giove u Merkurju fit-2 u ma' Venere fit-3 ta' dan. Fdal ta' sħab bil-beraq jinfex f'riħ qawwi jew f'xita, jibnazza malajr, kurrent frisk effett tal-maltemp majistral tramuntana ġej mill-Polu Nord jiltaqa' ma' kurrenti sħan ta' l-Afrika jqallbu l-ajru iżjed qrib 1-3. Donnu mhux sajf, reżħa ta' bard mal-lejl, riħ mit-tramuntana bil-bnazzi għal waqtiet, idur punent lbiċ, pressjoni tinżel, ajru umdu bi sħab ta' tempesta b'riħ qawwi, għaddejja mal-Mediterran, tilħaq ftit minnha, baħar mewġi qrib 3-5. Riħ varjabli filli grieg lvant idur tramuntana, baħar mewġi qrib 3-5. Riħ varjabli filli grieg lvant idur tramuntana, arja mqallba, sħana xotta u xemx tiżreġ binhar, sħab jinħall fi fwar waqtiet donnha ġejja xi ħalba xita f'xi bnadi qrib 5-7. Arturu jinżel iġib ftit tar-riħ jonfoħ punent majistru frisk xott ttaffi l-għomma, ċpar filgħodu, baħar bil-furar, waqtiet riħ tramuntana ibiddel għal grieg lvant iġib xemx tiżreġ għal bosta sigħat qrib 7-8.

☽ 8 ta' Ġunju. L-ewwel Kwart fl-10.11 a.m. Jidher Delfin jonfoħ riħ frisk xott tramuntana waqtiet punent majistru, jippredomina temp sabiħ, xemx taħraq għal sigħat, kesħa bi rtuba mal-lejl, nida filgħodu, baħar bi tranja, jitfaċċa sħab fl-orizzont juri li fi grieg lvant hemm ix-xita fuq il-baħar, qrib 8-10. Venera fl-għaqda ma' Uranu, jitfaċċa filgħaxija Delfin, kurrenti sħan wieħed xott tal-lvant u ieħor b'nofs inhar niedi taqlib fl-ajru, temperatura titla. Qamar fl-Apogea, tonqos l-għomma b'riħ kuntrarju punent majistru fejn jiltaqgħu l-kurrenti tfaqqa tempesta ta' beraq u xita fl-orizzont qrib 10-12. Qamar fl-għaqda ma' Saturnu, is-sħana riesqa mill-Afrika bix-xlokk tiltaqa' ma' kurrent kuntrarju frisk umdu punent, żewġ kurrenti vertikali jġibu taħwid mal-Mediterran, jitfaċċa Orione jqanqal tempesta oħra viċin tagħna, beraq tas-sħana, sħab jekk tiffriska l-arja jinħall f'xita bil-punent, jekk iżomm xlokk tid-lik qrib 12-14. Riħ mil-lvant idur nofs inhar xlokk, fuq il-baħar ileħħ il-beraq fdal tal-maltemp, sħana xotta, temp sajfi, xemx tiżreġ, baħar kwiet qrib 14-16.

🌕 16 ta' Ġunju. Qamar Mimli fis1.40 p.m. Pressjoni ċiklonika minn Skandinavja tgħaddi għaċ-ċentru ta' l-Ewropa ġġib xita bil-qliel b'tagħrriq fix-xmajjar. Qamar fl-għaqda ma' Marte, filli s-sħana xotta tas-Saħħara bi sħab iswed tiela' 'l fuq u sħab abjad tal-beraq iġibu tempesta mit-tramuntana, sajjetti u xita forsi silġ fit-tard jiċċara qrib 16-18. Wara x-xita taqa' sħana soffokanti, temp sabiħ ferm, xemx taħraq nirien, riħ nofs inhar

lbiċ, waqtiet bi fdal ta' xi bexxa oħra, jitla' ajru f'salt ġej minn Sqallija jleħħ il-beraq donnha x-xitwa u donnu s-sajf qrib 18-20. Temp ibiddel ma' kurrenti kuntrari ta' riħ nofs inhar lbiċ sħun niedi tas-Saħħara jiltaqa' mal-punent frisk, sħab tal-beraq, jew jinfexx fir-riħ qawwi jew f'xita, ix-Xemx fil-Cancer jibda s-sajf, Orione u s-Serp iqallbu l-ajru għax Merkurju stazzjonarju, baħar mewġi qrib 20-23.

☾ 23 ta' Ġunju. L-aħħar Kwart fit-8.44 p.m. Temp sabiħ, sema iżraq, xemx tiddi, żiffa friska tal-punent itaffi l-għomma mal-lejl, baħar jonfoħ bi tranja, sema waqtiet jissaħħab mil-lbiċ umdu f'xi bnadi jaħbat iqattar, jew riħ, jew xita minn temporal qasir fuq Sqallija, waqtiet riħ kuntrarju lvant sħun xott ikeċċi kollox, Marte kontra x-xemx qrib 23-25. Temp ġenjali tas-sajf, żiffa ħajja tonfoħ minn majistral tramuntana, arja friska xotta mal-lejl, sħana xotta tal-lvant bix-xemx taħraq binhar, baħar mqalleb bir-riħ lejn lvant ta' Malta l-bqija ta tranja qrib 25-27. Uragan mill-Atlantiku jgħaddi għall-Ewropa jharbat kollox Qamar fil-Perigea, Arturu u l-Cane jġibu sħab oħxon jidher għaddej ta tempesti waħda wara l-oħra, spiss iberraq fit-tramuntana jew xita jew kbira sħana, baħar imqalleb kif idur riħ nofs inhar il-maltemp jasal fuqna jew ħdejna jibnazza malajr qrib 27-28. Temp sabiħ ħafna, fdal tal-beraq bi sħab maqtugħ lejn Sqallija tinħass il-kesħa mal-lejl tal-majistral tramuntana waqtiet riħ ibiddel sħun umdu nofs inhar jerġa' punent, xemx tiżreġ, baħar bil-furar qrib 28-30.

● 30 ta' Ġunju. Qamar Ġdid ta' Ġunju fis-1.24 p.m. Ekklissi Totali tax-Xemx.


# ALFRED CALAFATO

## COFFEE MERCHANT

**14, Merchants' Street & 25, 26, 27, Irish Street, Valletta**

PHONE: CENTRAL 4970

**Block 1, No. 2, St. Paul's Church Area, Cospicua**

# LULJU (*31 Jum*)

Ix-xahar tad-Demm Għażiż ta' Sidna Gesù Kristu. (Ix-xahar ta' l'Għomma). Ix-xemx titla fl-4 u 47 min. u tinżel fis-7 u 15 min. tidħol fis-sinjal ta' (Leone) Ljun. Jikbru l-ljieli u l-ġranet jonqsu 34 min. filgħodu u 29 min filgħaxija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | Ħamis. | Id-Demm Prez.mu ta' Sidna Ġesù Kristu. |
| | 2 | Ġimgħa. | Viżitazzjoni ta' M.V. — Ott. tal-Qalb ta' Ġesù *Tit. S. Salv. l-Belt u Għarb Għawdex.* |
| | 3 | Sibt. | S. Ljuni II Papa K. |
| ✠ | 4 | Ħadd. | IV. Kom. tal-Papiet Qad.—Bb. Greg. Franġ. Ant. M. (1) |
| | 5 | Tnejn. | S. Anton M. Zakkarija K. |
| | 6 | Tlieta. | Ottava ta' S. Pietru u S. Pawl App. M. |
| | 7 | Erbgħa. | SS. Ċiril u Methodju Isq. M. |
| | 8 | Ħamis. | S. Eliżabetta Reġina tal-Portugal. |
| | 9 | Ġimgħa. | Ferja — SS. Nikol u sħabu M. |
| | 10 | Sibt. | Is-Seba' Aħwa M. — Bb. Manwel u sħabu M. |
| ✠ | 11 | Ħadd. | V. S. Piju I Papa M.—S. Ver. Ġuljana V. (2). |
| | 12 | Tnejn. | S. Ġn. Gwalbertu Abb.—SS. Nabor u Feliċ. M. |
| | 13 | Tlieta. | S. Anakletu P.M. — S. Franġisk Solanu K. |
| | 14 | Erbgħa. | S. Bonaventura Isq. K.D. |
| | 15 | Ħamis. | S. Enriku Imp. K.—Festa tal-Qabar ta' Kristu |
| | 16 | Ġimgħa. | Komm. tal-Madonna tal-Karmnu — Kan. ta' S. Franġ. *Festa l-Belt.* |
| | 17 | Sibt. | S. Alessju K. |
| ✠ | 18 | Ħadd. | VI. S. Kamillu de Lellis K. *S. Ġużepp l-Imsida.* |
| | 19 | Tnejn. | S. Vinċenz minn Pawla K. |
| | 20 | Tlieta. | S. Ġirolmu K. — S. Margerita V.M. *Tit. Sannat.* (3) |
| | 21 | Erbgħa. | S. Prassede V. — B. Anġelina Armla. |
| | 22 | Ħamis. | S. Marija Maddalena Penitenti. |
| | 23 | Ġimgħa. | S. Apoll. I.M.—S. Lib. Isq. M.—S. Lawrenz K. |
| | 24 | Sibt. | S. Kalċedonju M.—S. Kristina — Bb. Kun, Petronilla u Feliċja. |
| ✠ | 25 | Ħadd. | VII. S. Ġakbu App. Martri *S. Venera f'S. Venera.* (4) |
| † | 26 | Tnejn. | S. Anna Omm M.V. *Tit. Marsaskala.* |
| | 27 | Tlieta. | S. Pantaljuni Isq. M. — B.M. Mad. ta' Martinengo. |
| | 28 | Erbgħa. | SS. Nazarju u sħ. M.—S. Inn. I. Papa M. |
| | 29 | Ħamis. | S. Marta V.—SS. Feliċ, Simpliċju u oħrajn M. |
| | 30 | Ġimgħa. | SS. Abdon u Sennen M.—Bb. Xmun Pietru [Ark. K. |
| | 31 | Sibt. | S. Injazju ta' Lojola K. Fund. |

(1) Festa ta' S. Pawl, Rabat, Sacro Cuor tas-Sliema. (2) Tal-Karmnu l-Gżira. Tas-Sokkors Kerċem, Għawdex. S. Ġużepp l-Kalkara. S. Sebastjan Ħ. Qormi. (3) Anniv. tal-Kons. ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċis. Met. (4) Mad. tad-Duluri f'S. Pawl il-Baħar.

KULHADD GHANDU BŻONN IS-SAHHA TINSEWX IL-*BOVRIL*

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL LULJU

Għove fl-għaqda max-xemx. Pressjoni tinżel ftit, żiffa friska xotta tat-tramuntana tinħass ġmiela, riħ idur punent umdu, tonqos l-għomma bil-lejl, tiżdied bi nhar b'xemx taħraq nirien, baħar bil-furar mimli qrib 1-3. Qamar fl-għaqda ma' Venere, L-art f'Afelion. Corona tinżel filgħodu u ġġib ftit tas-sħab magħha f'xi bnadi donna ġejja xi ħalba xita taħbat tqattar, jiddependi mir-riħ varjabli grieg tramuntana jdur lvant sħun xott iħoll fi fwar u tidlik ta 'l-għomma, temp sabiħ qrib 3-5. Merkurju stazjonarju fl-għaqda inferjuri. Riħ waqtiet tramuntana jbiddel għal grieg lvant xott sħun mal-lejl jinħass ftit tal-frisk, bi nhar xemx tikwi għal bosta sigħat, sħab maqtugħ jinfexx fir-riħ, baħar ftit mewġi, temp sabiħ iżda mqalleb qrib 5-7. Saturnu stazjonarju, sħana soffokanti, temperatura titla', xemx tiżreġ, kurrenti sħan ġejjin mil-Libja u mis-Saħħara, sħab tar-riħ sħun jaħraq, arja niedja qrib 7-8.

8 ta' Lulju. L-ewwel Kwart fis-2.31 a.m. Is-sħana umda b'riħ nofs inhar u xotta tal-lvant tiżdied aktar, sajf qalil, jidher Cavaletto iħawwad l-ajru bi sħab tal-beraq fuq l-Etna, l-arja tiffriska b'fewġa u rtuba mal-lejl, Qamar fl-għaqda ma' Saturnu u fl-Apogea, waqtiet is-sħab juri li fl-orizzont nieżla xi bexxa xita qrib 8-10. Temperatura għolja bix-xlokk, foga ta' l-għomma ġejja mill-Afrika, id-deżert tas-Saħħara jfur fawra bix-xita li niżlet, is-sħana tgħaddi fl-Ewropa tqanqal tempesti qosra ta' sajjetti u xita fuq il-baħar, riħ idur punent frisk umdu jonfoħ ġmielu, baħar mewġi qrib 10-12. Tilħaq fuqna mewġa ta' sħana inkrepattiva mqanqla mill-beraq u xita, riħ ibiddel bil-buffuri nofs inhar xlokk, idur punent majjistru, Marte fl-għaqda mal-Qamar iġib tempesta ta' ragħad, xita u forsi silġ ukoll qrib jew fuqna, spiss iberraq fil-lvant, temp inkostanti qrib 12-15. Żewġ kurrenti vertikali, riħ sħun nofs inhar tiela', tramuntana friska xotta nieżla, temp mhux sod, filli bnazzi u f'daqqa msaħħab, Argonave jġib fdal tal-beraq u xita parzjali f'xi bnadi qrib 15-16.

16 ta' Lulju. Qamar Mimli fis-1.27 a.m. Ekklissi Totali tal-Qamar. Temp filli inkostanti, jiċċara xi ftit, Uranu fl-għaqda max-xemx, Merkurju stazjonarju. Kurrenti kuntrari jħawdu l-ajru, riħ frisk majistral tramuntana ġej mill-Italja jiltaqa' ma' fewġa tas-sħana barranija tas-Saħħara b'riħ nofs inhar lbiċ jonfoħ b'temporali fuq Sardinja u Sqallija fil-Kanal ta Malta, sema imgħarrex donnha ġejja x-xita, xemx tiddi qrib 16-18. Riħ inkostanti, is-sħana tal-lbiċ tiltaqa' ma' riħ punent frisk umdu ġġib ajru mqalleb bi sħab tal-beraq fuq il-baħar

waqtiet jonfoħ u waqtiet bnazzi b'temp sajfi qrib 18-20. Xemx tidħol fil-Ljun, tidher il-*Canicola* ġranet sajfin, xemx taħraq, riħ jonfoħ ibiddel filli lbiċ sħun umdu u filli lvant sħun xott, temperatura tvarja ftit b'żiffa friska ħajja mal-lejl tal-punent tnaqqas l-għomma, baħar bi tranja qrib 20-23.

23 ta' Lulju. L-aħħar kwart fis-1.12 a.m. Qamar fil-Perigea, Aquila tinżel, pressjoni baxxa fuq Franza, Italja u Alġier iġibu ċiklun fil-majistral ta' l-Ewropa, it-temp jitħawwad fuqna effett tiegħu, iġib riħ frisk xott majistral tramuntana jonfoħ bil-buffuri l-aktar lejn lvant ta' Malta jilħaq l-imballatur, sħab tax-xita u beraq fl-orizzont waqtiet riħ punent lbiċ tiżdied l-għomma qrib 23-25. Żewġ kurrenti kuntrari, temperatura tbiddel mar-riħ, filli frisk majistral tramuntana bil-bnazzi, xemx tiżreġ u filli riħ nofs inhar sħun umdu fejn jiltaqgħu jqallbu l-ajru bi sħab elettriku riesaq, jaħbat ibexxex f'xi bnadi, spiss iberraq minn tempesta fuq Sqallija qasira jibnazza malajr qrib 25-27. Merkurju fl-ikbar elongazzjoni W. fl-għaqda ma' Giove u mal-Qamar, l-għarixa ta' Sant'Anna, temp ħelu, sema ċar, xemx imgħajra, baħar kwiet, riħ ibiddel frisk xott tramuntana, arja xotta, waqtiet punent umdu jonfoħ regolari qrib 27-29.

29 ta' Lulju. Qamar Ġdid ta' Lulju fil-11.18 p.m. Riħ varjabbli bejn grieg tramuntana, filli l-frisk mal-lejl u filli tiżdied is-sħana xotta bil-lvant iħoll is-sħab fi fwar u tidlik, temp in-kostanti, waqtiet f'salt tgħaddi tempesta tal-beraq qrib Malta. Marte stazjonarja qrib 29-31.

Gio. Batta Delia

KINGSWAY.

(QUDDIEM IT-TEATRU RJAL)

ID-DAR TA' L-IŻVILUPP

FL-ARTI TAL-MOBBLI

TELEPHONE: 4755.

# AWWISSU (31 Jum)

Ix-xahar ta' S. Marija. (Ix-xahar tal-frott). Ix-xemx titla fil-5 u 5 min. u tinżel fis-6 u 55 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal tal-(Verġni). Jikbru ljieli u l-ġranet jonqsu 47 min. filgħodu u 59 min. filgħaxija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ✠ | 1 | Ħadd. | VIII. S. Pietru App. marbut fil-Ktajjen. *Tit Birżeb.* (1) |
| | 2 | Tnejn. | S. Alfons M. Isq. D. — Ded. Pat. Baż. S. Marija tal-Anġli tal-Porzjunkula. |
| | 3 | Tlieta. | Inv. ta' S. Stief. Pr. M.—S. Alfons M. Isq. D. |
| | 4 | Erbgħa. | S. Duminku ta' Gużman K. Fun. *Festa l-Belt.* |
| | 5 | Ħamis. | Dedikazzjoni ta' S. Marija tas-Silġ. |
| | 6 | Ġimgħa. | Trasfigurazzjoni ta' S. Ġesù Kristu *Tit. Ħ. Lija* |
| | 7 | Sibt. | S. Gejtanu K. *Tit. Ħamrun*—Bb. Agat. u Kas. |
| ✠ | 8 | Ħadd. | IX. SS. Ċirijaku, Largu u Smaragdu M. (2) [M. |
| | 9 | Tnejn. | S. Aristarku Isq M.—S. Ġwann M. Vianney K. |
| † | 10 | Tlieta. | S. Lawrenz Levita M. *Tit. Birgu u S. Lawr.* |
| | 11 | Erbgħa. | S. Ġwann M. Vianney K.—SS. Tib. u Sus. |
| | 12 | Ħamis. | S. Klara t'Assisi V. Fund. |
| | 13 | Ġimgħa. | SS. Ippol. u Kass. M.—Bb. Ġwann Vinċ. u Nov. |
| | 14 | Sibt. | S. Ewsebju K. — Vġili tal-Mad. *Sawm u Ast.* |
| ✠ | 15 | Ħadd. | X. S. Marija Assunta *Patr. tit. ta' 9 Parroċċi Malta, Katt. u Żebbuġ Għawdex.* |
| | 16 | Tnejn. | S. Ġwakkin Missier il-Madonna. |
| | 17 | Tlieta. | S. Ġiaċint K.—S. Rokku K.—Ott. ta' S. Lawr. |
| | 18 | Erbgħa. | Tal-Ott. — Bb. Beatriċi u Pawla V. S. Elena *B'Kara.* |
| | 19 | Ħamis. | S. Ġwann Eudes K.—S. Ludovik Isq K. |
| | 20 | Ġimgħa. | S. Bernard Abbati K.D. |
| | 21 | Sibt. | S. Ġwanna Franġiska Armla. |
| ✠ | 22 | Ħadd. | XI. Qalb Immakulata ta' M.V. *Stella Maris* (3) |
| | 23 | Tnejn. | S. Filippu Benizi K. |
| † | 24 | Tlieta. | S. Bartilmew App. M. *Tit. Ħar Għargħur* |
| | 25 | Erbgħa. | S. Ludovik Re K. Patr. tat-Terz. O. Franġ. |
| | 26 | Ħamis. | S. Zeferinu P.M.—Bb. Timotew u Bern. K. |
| | 27 | Ġimgħa. | S. Ġużepp Kalasanzju K. — 7 Ferħat ta' V.M. |
| | 28 | Sibt. | S. Wistin Isq. K.D. Fund. — S. Ermete M. |
| ✠ | 29 | Ħadd. | XII. Qtugħ ir-Ras ta' S. Ġwann Batt. *Festa ta' Ġiljan.* |
| | 30 | Tnejn. | S. Roża minn Lima V. — SS. Feliċ u Adawktu. |
| | 31 | Tlieta. | S. Rajmondu Nonnatu K. |

(1) Ind. Plen. Kull darba persunali u għal mejtin. Żuru l-Knejjes Franġ. qerru, tqarbnu u għidu 6 Pater, Ave u Glorja. Festa ta' S. Ġużepp, Qala, Għawdex. (2) S. Gejtanu, Ħamrun. (3) S. Marija, Ħ. Dingli Mġarr Malta u Żebbuġ Għawdex.

ŻOMM DEJJEM FLIXKUN *BOVRIL* ID-DAR

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL AWWISSU

Temperatura titla' bi nhar, tinżel mal-lejl b'żiffa ħelwa tramuntana waqtiet grieg lvant, xemx tiddi għal bosta sigħat bi sħana tas-Saħħara ġejja bnofs inhar riħ triq, baħar kwiet qrib 1-3. Temp sajfi bi sħana soffokanti riħ *Ethesi* perjodiku frisk itaffi l-għomma, sħab umdu, temp jitbiddel f'salt, Ljun jidher nofsu iġib temporal qasir bix-xita lejn Sqallija fuq Sirakuża, ileħħ spiss beraq qrib Malta, baħar mewġi qrib 3-6. Qamar fl-għaqda ma' Venere fit-2 Merkurju ma' Uranu fl-4 ta' dan.

🌓 6 ta' Awwissu. L-ewwel Kwart fis-7.48 p.m. Perijodu frisk bejn 6-11 ta' dan. Qamar fl-għaqda ma' Saturnu u fl-Apogea, kurrent sħun umdu nofs inhar jitħallat mal-lvant sħun xott, sħab jinħall fix-xita jew fwar u tidlik ta' l-għomma, xemx tikwi, baħar bi tranja qrib 6-8. Jidher il-Ljun, l-arja tiffrika bil-punent umdu titħallat ma' arja sħuna soffokanti ta' nofs inhar-xlokk fejn jiltaqgħu jġibu sħab ta' temporali ma' l-Ewropa u l-Afrika ta' fuq, Qamar fl-għaqda ma' Marte, temp mhedded bil-beraq tas-sħana, xita u silġ fuq Catania, riesaq qrib Malta fil-lvant qrib 8-10. Jinqabdu l-lampuki. Jidhru l-Bolidi kwiekeb jiġġerrew juru sħana b'temp sajfi bi nhar, riħ nofs inhar xlokk waqtiet lvant xott, xemx tiżreġ nirien, sema jgħarrex fl-orizzont, *Fidicola* tinżel tqajjem ir-riħ u l-baħar, żewġ kurrenti ta' riħ oħra jiltaqgħu nofs inhar mat-tramuntana fil-Mediterran iġibu temporali qosra, riesaq sħab lejna donnu ġejja x-xita qrib 10-12. Tempesta fuq il-baħar, temp imqalleb inkostanti, l-arja friska tat-tramuntana ġejja effett tal-maltemp tiltaqa' ma' sħana soffokanti Afrikana, xemx imgħajra waqtiet tikwi, fejn jiltaqgħu l-kurrenti jqallbu l-ajru bil-beraq, xita kbira jew kbira sħana, *Delfin* jinżel bil-*Lepre* jqajjem il-baħar qrib 12-14.

🌕 14 ta' Awwissu. Qamar Mimli f'nofs in-nhar u minuta. L-għarixa ta' Santa Marija, temp kostanti sabiħ, sajfi fil-bidu kurrent sħun soffokanti tas-Saħħara, Libja u Eġittu, jiltaqgħu fil-Mediterran ma' żiffa friska umda tal-punent, iġibu temporal qasir bil-beraq fit-Tirren u Sqallija, sħab riesaq b'xi bexxa f'xi bnadi qrib lejna qrib 14-16. Temp imqalleb mar-riħ fill ibiċ sħun umdu bi sħab ta' xita maqtugħa jew riħ jobrom ftit qawwi, riħ idur punent ,jiffriska mal-lejl, baħar mimli, interval sabiħ qrib 16-18. Pluto fl-għaqda max-Xemx, Qamar fil-Perigea. Fidecola u Delfin iġibu sħana xotta lvant jiltaqgħu ma' kurrent frisk umdu punent iqanqlu pressjoni ċiklonika ma' l-Ewropa t'isfel, riħ jonfoħ, baħar mewġi, temp waqtiet ċar, riħ jiffriska iżjed effett tax-xita li niżlet fuq Sqallija jitfaċċa fuqna sħab tal-beraq fdal tax-xita ta' tempesta għaddejja ħdejna qrib 18-21.

☾ 21 ta Awwissu. L-aħħar Kwart fil-5.49 a.m. Xemx fil-Verġini. Merkurju fl-għaqda superjuri. Temp ħelu tas-Sajf, ġranet ta' tibdil, pressjoni baxxa nieżla mill-majistral tramuntana tiltaqa' ma' kurrent sħun umdu ta' l-Afrika nofs inhar, riħ qawwi kif jiskot jaqsam is-sħab jagħmlu taqlib fl-ajru, tempesta għaddejja qrib ileħħ beraq bix-xita, jerġa' jibnazza qrib 21-24. Riħ frisk xott perjodiku ġej mill-Polu Nord. Virġilji u l-Estesi jqajmu r-riħ u l-baħar, l-ajru jiċċara b'xemx tiddi. Qamar fl-għaqda ma' Ġiove qrib 24-26. Jidher Delfin jinżlu Fortuna u Arturu, sema bi żlieġa, baħar imdardar jofroħ, temp waqtiet frisk mal-lejl gregal, waqtiet sħun xott lvant iħoll is-sħab, tiżdied l-għomma b'nofs inhar idellek, bnazzi qrib 26-28.

● 28 ta' Awwissu. Qamar Ġdid ta' Awwissu fil-11.19 a.m. Jibdew jidhru l-Virġilji, riħ ibiddel jonfoħ grieg tramuntana, waqtiet filli l-arja friska mal-lejl tisħon malajr b'riħ lvant xott sħun, sħab maqtugħ jinħall fi fwar ta' l-għomma, temp sajfi, xemx tiżreġ għal bosta sigħat qrib 28-30. Andromeda ġġib resħa tal-bard mal-lejl tramuntana, jonfoħ, idur grieg lvant jiżdied, baħar mewġi, sħab jinħall fix-xita fuq il-baħar, jew f'tidlik bix-xemx u riħ nofs inhar qrib 30-31.

## EKKLISSI FIS-SENA 1954

Dis-sena jkollna ħames Ekklissi tlieta tax-Xemx u tnejn tal-Qamar.

I. Ekklissi Annulari tax-Xemx fil-5 ta' Jannar, ma narawhiex fl-Ewropa. Tidher fl-Antartiku, fl-Awstralja, New Zealand, fl-Oċeani Paċifiku u Indjan.

II. Ekklissi Totali tal-Qamar fid-19 ta' Jannar, f'Malta tidher, il-Qamar jidħol fid-dell fis-1.48 a.m. Ekklissi Totali tibda fit-3 u 14 a.m. tispiċċa fit-3 u 44 m. a.m. Tkun fil-fażi tagħha fit-3.29m. a.m. il-Qamar iħalli d-dell fil-5 u'11 m. a.m. Tidher fil-punenti tal-Asia u ta' l-Indian Oċean, fl-Ewropa, Afrika, fl-Atlantiku, fl-Artiku Oċean, u Nord Amerika.

III. Ekklissi Totali tax-Xemx fit-30 ta' Ġunju. Tidher Malta bħala Ekklissi Parzjali, l-Ekklissi tibda fil-10.48 a.m. tispiċċa fl-4.1 p.m. Ekklissi Centrali tibda f'nofs inhar u 5m. Il-fażi tkun fis-1.19 p.m. Ekklissi Centrali tispiċċa fis-2.54 p.m.

IV. Ekklissi Totali tal-Qamar 16 ta' Lulju. Tidher Malta fis-16 ta' Lulju, Qamar fid-dell f'nofs il-lejl u 7 a.m. Nofs l-Ekklissi fis-1.18 a.m. Qamar iħalli id-dell fis-2.29 a.m. Tidher fl-Asia, Awstralja, Oċean Indian, Atlantiku, Antartiku, fl-Afrika u f'South Amerika.

V. Ekklissi Annulari tax-Xemx fil-25 ta' Diċembru. Ma narawhiex f'Malta. Tidher f'Adelaide, Melbourne, Perth, Sydney, Johannesburg, Mauritius u Indian Oċean. Fl-Awstralja tibda fit-8.15 a.m.

# SETTEMBRU (30 Jum)

Ix-xahar tal-Vittorja. (Ix-xahar tal-għasir il-għeneb.) Ix-xemx titla fil-5 u 36 min. u tinżel fis-6 u 24 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal tal-(Bilanċja) Miżien. Jikbru ljieli u l-ġranet jonqsu 46 min. filgħodu u 6 min. filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| | 1 Erbgħa. | S. Eġidju Abb. 12 aħ. M. Bb. Ġwann Pietru M. |
| | 2 Ħamis. | S. Stiefnu Re K.—Bb. G. Fr. Apol. Sev. M. |
| | 3 Ġimgħa. | Ferja. |
| | 4 Sibt. | S. Roza minn Viterbo V. |
| ✠ | 5 Ħadd. | XIII. S. Lawr. Ġus. I.K. Bb. Tum. Gent. Rajm. M. |
| | 6 Tnejn. | Ferja—Bb. Liberat, Pellegrin u Santu K. |
| | 7 Tlieta. | Vġili tat-Twelid ta' M.V. (1) |
| † *§ | 8 Erbgħa. | Twelid ta' M.V. *Tit l-Isla, Mellieħa, Naxxar u Xagħra Għawdex* |
| | 9 Ħamis. | S. Gorgonju M.—Bb. Seraf. Lud. Mikelina. |
| | 10 Ġimgħa. | S. Nikol ta' Tolentinu K.—B. Apoll. sħ. M. |
| | 11 Sibt. | SS. Protu u Ġiaċint M.—B. Bonaventura K. |
| ✠ | 12 Ħadd. | XIV. L-Isem Imqaddes ta' M.V. (2) |
| | 13 Tnejn. | Ferja. |
| | 14 Tlieta. | Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. |
| | 15 Erbgħa. | Is-Seba' Duluri ta' Marija SS.ma *K.T. Sawm u [Ast.* |
| | 16 Ħamis. | SS. Kornelju u Ċiprianu M. |
| | 17 Ġimgħa. | Il-Pjagi ta' S. Franġisk *K.T. Sawm u Ast.* |
| | 18 Sibt. | S. Ġużepp ta' Kopertinu K. *K.T. Sawm u Ast.* |
| ✠ | 19 Ħadd. | XV. SS. Ġennaru Isq. u sħ. M. |
| | 20 Tnejn. | SS. Ewstakju u sħabu M. |
| † | 21 Tlieta. | S. Mattew App. Evanġelista. |
| | 22 Erbgħa. | S. Tumas Isq. K. ta' Villanova (3) |
| | 23 Ħamis. | S. Linu P.M. — Inv. ta' S. Klara V. t'Assisi. |
| | 24 Ġimgħa. | Madonna tal-Ħniena — S. Paċifiku K. |
| | 25 Sibt. | Ferja — B. Franġisk Marija K. |
| ✠ | 26 Ħadd. | XVI. Kons. tal-Knejjes Malta. SS. Ċiprian M. —Bb Delfina u Luċija V. |
| | 27 Tnejn. | SS. Kosma u Damjan M. — S. Elżearju K. |
| | 28 Tlieta. | S. Venċeslaw M. — Bb. Ġwann Bern. u Franġ. |
| † | 29 Erbgħa. | Ded. ta' S. Mikiel Arkanġelu. |
| | 30 Ħamis. | S. Ġirolmu K.D. |

(1) Funerali għal mejtin tal-Assedju 1565, f'S. Ġwann, S. Pawl, S. Orsla il-Belt, l-Birgu, Ħ. Żebbuġ u Ħ. Żabbar. (2) Festi tal-Madonna tal-Grazzja Ħ. Żabbar u ta' Loretu Għajnsielem. (3) Għawdex fis-7.15 a.m. tindaqq mota fil-Knejjes mat-Te Deum tal-Kattedral b'tifkira tad-Djoċesi 91 sena.

SAĦĦTEK MA ĠĠIBIX MINGĦAJR IL-*BOVRIL*

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL SETTEMBRU

Qamar u Nettunu fl-għaqda ma' Venere. Sħana umda ta' nofs inhar, arja xotta tal-lvant tħoll is-sħab f'tidlik, Berenice iżżid l-għomma ġejja mis-Saħħara, temp sajfi, riħ jibda jonfoħ bil-mod, ftit wara jitfaċċa sħab tal-beraq ġej mill-Etna, xita bil-qliel fuq Sqallija, tilħaq xi bexxa, iberraq spiss, Arturu jidher, filli maltemp, jibnazza f'salt qrib 1-5.

5 ta' Settembru. L-ewwel Kwart fis-1.26 p.m. Temp inkostanti, temp sajfi, jonfoħ riħ qawwi sħun bix-xlokk, pressjoni tinżel, kalur ta' l-għomma tiela' mill-art jiltaqa' ma' żiffa ħelwa friska tal-punent umdu, Favonju jġib iżjed riħ u xita, jibda jberraq qrib 5-7. Qamar fl-għaqda ma' Marte, jidhru Capra u Arturu jġibu tempesta ħarxa, beraq, xita u silġ, baħar mewġi jibnazza malajr bi fdal tas-sħab abjad, riħ ibiddel nofs inhar xlokk tal-Libja, idur tramuntana, jiċċara l-ajru, sema iżraq, xemx tiddi qrib 7-9. Żewġ kurrenti fl-ajru u fil-baħar bil-mewġ, nofs inhar lbiċ sħun umdu ta' l-Ekwatur fl-Afrika u ieħor daqqa tramuntana u daqqa punent frisk ġej mill-Ewropa fejn jiltaqgħu jġibu ħafna xita, jiċċara f'salt, jerġa' bil-beraq fl-orizzont fdal ta' temporali qosra qrib 9-11. Fdal tas-sħab tax-xita kultant, intervalli ta' bnazzi, sema imiftuħ, xemx imgħajra, nida fil-għodu, riħ lbiċ idur punent frisk qrib 11-12.

12 ta' Settembru. Qamar Mimli fid-9.17 p.m. L-għasafar tal-passa jaslu, għax it-temperatura tbiddel ħafna u spiss mar-riħ lbiċċ sħun umdu, idur punent frisk mal-lejl, temp filli ċar, jitħassar f'salt bi sħab tax-xita jew riħ, baħar bi tranja qrib 12-14. Kurrenti termiċi riħ sħun xott lvant jonfoħ moderat, baħar mewġi, jiltaqa' ma' riħ frisk punent jġibu pressjoni varjabli, xemx taħraq, sħab ta' buffuri fuq il-baħar bix-xita miexi majistral tramuntana għal lvant qrib 14-16. Saturnu fl-għaqda ma' Venere, jirrenja Favonju jew Afriku jġibu riħ frisk xott tramuntana jdur punent majistru jiċċara b'temp sabiħ tal-Ħarifa, riħ jonfoħ debbli, baħar kwiet ,il-maltemp sejjer lejn Greċja iħarbat bi ħsara Kandia qrib 16-18. Kurrent tal-Polu Nord frisk xott, bard mal-lejl, majistral tramuntana jasal ma' l-Afrika ta' fuq jitħallat mal-foga tas-sħana tas-Saħħara, nofs inhar riħ jaħraq, l-ajru jiffermenta jsir umdu, wara buffuri fl-art u fil-baħar, jasal sħab tal-beraq bix-xita qrib 18-19.

19 ta' Settembru. L-aħħar Kwart f'nofs inhar u 9 minuti. Tidher *Spica* jonfoħ riħ majistral tramuntana frisk temp ta' bnazzi, xemx tiddi, ajru ċar ħafna, baħar bil-furar, riħ idur sħun umdu, sema bi ċpar ta' nofs inhar jiżdied ftit, jibda jissaħħab.

Qamar fl-għaqda ma' Giove qrib 19-21. Xemx fil-Libra, tibda l-Ħarifa, Ariete tinżel, sħab oħxon riesaq ta' tempesti Ekwinozjali ma' Tuneż u Alġier, urugan fl-Adrijatiku jġib temp xitwi grieg tramuntana waqtiet lvant kurrenti kuntrarji filli sħana u bnazzi u filli frisk bix-xita qrib 21-23. Tinżel Argona jitfaċċa Ċentauru jġib burraxki ta' riħ, xita u beraq, waqtiet ajru ċar, xemx imgħajra, baħar mewġi, riħ grieg lvant xott sħun iħoll is-sħab qrib 23-25. Riħ filli grieg lvant bi fdal ta' ħafna xita, toħroġ xemx tiddi għal sigħat sħaħ, bard xott mal-lejl tat-tramuntana, jidhru l-*Capretti* jonfoħ punent, Merkurju fl-għaqda ma' Nettunu riħ jinżel nofs inhar sħun umdu tiżdied l-għomma bil-bnazzi jdur riħ xott lvant, temp inkostanti mqalleb, barometru oxillanti qrib 25-27.

27 ta' Settembru. Qamar Ġdid ta' Settembru fis-1.48 a.m. Temp ma torbotx fuqu, jonfoħ riħ ftit qawwi filli punent idur nofs inhar għax-xlokk lvant, mewġa ta' sħana umda, baħar mewġi, xemx tiddi, sema iżraq qrib 27-29. Jinżlu Virġilji u ma jidhrux, Qamar fl-għaqda ma' Merkurju, Saturnu u Venere, fl-Apogea, tidher *Capretta* riħ punent frisk umdu idur xlokk, pressjoni ta' temporal bix-xita, jibnazza malajr bix-xemx qrib 29-30.




NOVITAJIET GĦALL-KĊINA

GĦAL OĠĠETTI TAD-DAR

OĠĠETTI GĦAR-RIGALI



JAQBILLEK . . .

TIĠI TARA L-ASSORTIMENT SABIEĦ U INTERESSANTI LI NISTGĦU NOFFRULEK KOLLOX MAGĦŻUL MINN ESPERTI

PREZZIJIET MODERATI

SERVIZZ MILL-AĦJAR




"PETROLEA"

EST. 1891.

26, MERCHANTS STREET, VALLETTA.

(Phone: 5244).

# OTTUBRU *(31 Jum)*

Ix-xahar tar-Rużarju. (Ix-xahar taż-żrieħ). Ix-xemx titla fis-6 u 9 min. tinżel fis-6 u 51 min. u tidħol fiss-injal ta' (Scorpione). Skorpjun (imqas). Jikbru ljieli u l-ġranet jonqsu 51 min. filgħodu, siegħa u 4 min. filgħaxija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | Ġimgħa. | S. Remiġju Isq. K. — Bb. Franġ. u Nikol K. *Jibda r-Rużarju.* |
| | 2 | Sibt. | L-Anġli Kustodji. |
| ✠ | 3 | Ħadd. | XVII. S. Tereża tal-Bambin Ġesù V. |
| | 4 | Tnejn. | Seraf. Patr. S. Franġisk t'Assisi K. Fund. |
| | 5 | Tlieta. | SS. Plaċidu u sħ. M. — Tal-Ott. ta' S. Franġisk. |
| | 6 | Erbgħa. | S. Brunone K. — S. Marija Franġiska V. |
| | 7 | Ħamis. | Madonna tar-Rużarju — S. Mark Papa K. |
| | 8 | Ġimgħa. | Kons. tal-Katt. Malta. S. Birġitta Armla. |
| | 9 | Sibt. | S. Ġwann Leonardi K. — SS. Djonisju u sħ. M. |
| ✠ | 10 | Ħadd. | XVIII. S. Franġ. Borġja K. — SS. Danjel u sħ. M. (1) |
| | 11 | Tnejn. | Maternità ta' M.V. Kons. tal-Katt. Għawdex. Ott. ta' S. Franġ. (2) |
| | 12 | Tlieta. | Tal-Ottava — Maternità ta' M.V. Għawdex. |
| | 13 | Erbgħa. | S. Edwardu Re K. — S. Serafin K. |
| | 14 | Ħamis. | S. Kallistu I. Papa Martri. |
| | 15 | Ġimgħa. | S. Tereża ta' Ġesù V. — Ott. tal-Kons. Malta. |
| | 16 | Sibt. | S. Edwiġe Armla. |
| ✠ | 17 | Ħadd. | XIX. S. Marg. M. Alacoque V. *S. Pawl l-Belt.* |
| | 18 | Tnejn. | S. Luqa Evanġelista. Ott. tal-Kons. Għawdex. |
| | 19 | Tlieta. | S. Pietru t'Alkantara K. (3) |
| | 20 | Erbgħa. | S. Ġwann Kanzju K. |
| | 21 | Ħamis. | SS. Orsla u sħ. M. — S. Ilarjun — Bb. Ġak. Mat. K. |
| | 22 | Ġimgħa. | Ferja—Kons. tal-Knejjes Dumnik u Franġ. |
| | 23 | Sibt. | Ferja — B. Ġużeppina Leroux V. M. |
| ✠ | 24 | Ħadd. | XX. S. Rafiel Arkanġlu. *Ġurnata Missjonarja.* |
| | 25 | Tnejn. | SS. Kris. u Darja M. — Bb. Krist. Balt. u [Masu K. |
| | 26 | Tlieta. | Ferja — B. Bonaventura K. |
| | 27 | Erbgħa. | Vġili ta' SS. Xmun u Ġuda — B. Kontardu K. |
| † | 28 | Ħamis. | SS. Xmun u Ġuda Taddew App. M. |
| | 29 | Ġimgħa. | Ferja — Ottava tal-Kons. Dumnikani u Franġ. |
| | 30 | Sibt. | Ferja — B. Anġlu minn Acrio K. (4) |
| ✠ | 31 | Ħadd. | XXI. Sidna Ġesù Kristu Re. *Tit. R. Ġdid.* |

(1) Festa ta' Kristu Re, Raħal Gdid (2) Anniv. ta' Trasferiment ta' l-Arċisqof Met. Mons. Mikiel Gonzi għal Malta. (3) F'S. Tereża Bormla u S. Pawl l-Belt issir Esp. tas-SS.mu b'tifkira tal-pissidi misruq fl-1837. (4) Anniv. tal-għażla ta' Mons. Ġużepp Pace għal Isqof t'Għawdex.

IL-KOKI JSAJRU BORMA TAJBA
META JUŻAW IL-*BOVRIL*

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL OTTUBRU

Temp ibiddel, jidher ċar ṣabiħ ħafna, b'xemx tiddi, riħ sħun xott nofs inhar xlokk inklinat għal lvant, jidhru Virġilji jqajmu r-riħ u l-baħar, bil-fwar, punent umdu frisk bi fdal tas-sħab, fl-orizzont hemm ix-xita riesqa qrib 1-3. Tinżel Auriga, jidhru l-Plejadi, riħ ibiddel b'żewġ kurrenti sħun xott ta' nofs inhar għax-xlokk lvant, jiltaqgħu ma' riħ frisk ġej minn Sqallija, sema bi sħab oħxon ta' ħafna xita, beraq u sajjetti qrib 3-5.

🌓 5 ta' Ottubru. L-ewwel Kwart fis-6.29 a.m. Qamar fl-għaqda ma' Marte, tidher *Corona* u l-*Capretti*, temp mhedded ħafna, ajru skur bi sħab ta' ħafna xita u riħ frisk xott tramuntana jitħallat ma' riħ sħun tas-Saħħara nofs inhar jaqsmu s-sħab għal ħafna beraq qrib 5-7. Giove fl-għaqda ma' Uranu, jidhru l-kewkba ta' Santa Briġida u l-Virġilji, Qamar fl-Acquarju, ajru ta' xita bil-qliel u abbundanti, tempesti fuq il-baħar u fl-art, waqtiet jiftaħ l-ajru, riħ nofs inhar lbiċ sħun umdu qrib 7-9. Merkurju fl-għaqda ma' Saturnu, *Corona* tidher fil-għodu tqajjem riefnu ta' riħ lbiċ, baħar imċaqlaq, temporali fuq Tuneż u Alġier jgħaddu għall-Ewropa, Mediterran tempestuż, idur punent jonqos ftit, jiċċara u jerġa' għal beraq u xita bil-burraxki ta silġ qrib 9-12.

🌕 12 ta' Ottubru. Qamar Mimli fis-6.8 a.m. Fasi agħar mill-oħra, taqlib ta' riħ kuntrarju, sħab abjad miexi frisk umdu punent u sħab sħun nofs inhar lvant, iqalbu t-temp b'xita kontinwa u bil-burraxki, spiss iberraq ragħad u sajjetti ma' l-Afrika, Ewropa u Mediterran, uragani fl-Ingilerra u Franza. Qamar fil-Perigea, il-maltemp għaddej b'ħafna bard majistral tramuntana għal-lvant b'ħafna ħsara u tgħarriq ta' xmajjar qrib 12-15. Riħ majistral tramuntana tal-Polu Nord inġazzat jiltaqa' ma' riħ sħun nofs inhar Afrikan umdu bi sħab, tempesti kontinwi bla ħniena mxerrda, beraq, xita u silġ, filli jiċċara, jaħbat jibnazza toħroġ xemx tiddi b'interval qrib 15-18.

🌗 18 ta' Ottubru. L-aħħar Kwart fid-9.28 p.m. Merkurju stazjonarju. Qamar fl-għaqda ma' Giove u Nettunu max-Xemx. Perijodu xitwi aħrax, bard inġazzat xott, riħ tramuntana jiftaħ ftit l-ajru ,ma torbotx fuqu għax jerġa' jdur 'l isfel punent umdu bi fdal tas-sħab maqtugħ għall-maltemp, spiss iberraq u spiss imerraq, ir-raba' mifqugħ qrib 18-20. Xemx fl-Iskorpjun ,tidher il-kewkba ta' Sant'Ursola, Virġilji jinżlu mat-tlugħ tax-xemx, bard inġazzat tat-tramuntana waqtiet bnazzi, ajru ċar waqtiet jonfoħ bir-riħ regolari, jiżdied bi grieg lvant, sħab ta' temporal qasir riesaq iberraq bix-xita għal waqtiet, xmajjar ifuru fl-Ingilterra u fl-Italja qrib 20-22. Bosta

sighat ta' xemx tiddi, bard ahrax mal-lejl, rih ibiddel bejn tramuntana tal-Polu Nord u grieg lvant ġej mir-Russja, bahar bl-imballatur griegal qawwi qrib 22-24. Temp inċert, rih shun xott ibiddel mil-lvant ghal nofs inhar umdu, Virġilji u Centauru jinżlu filghodu, Merkurju fl-ghaqda ma' Saturnu, kampanja fertili, arja shuna bix-xemx u rih filli lvant u filli jonfoh nofs inhar, iholl is-shab fi fwar, sema mdennes bi ċpar qrib 24-26.

● 26 ta' Ottubru. Qamar Ġdid ta' Ottubru fis-6.45 p.m.. Taqlib ta' rih jonfoh lvant idur ma' nofs inhar xlokk iġib shana b'xemx tiddi, waqtiet jiltaqa' ma' rih kuntrarju vertikali jġib skonfolġiment atmosferiku ta' arja friska punent, xita bil-qliel riesqa b'tempesta fuq il-bahar tghaddi u jiċċara malajr, Qamar fl-Apogea qrib 26-28. Merkurju fl-ghaqda inferjuri, *Cassiopea* tinheba, Arturu jinżel, kif jinżlu Orione u l-Aquila tidher *Fidecola,* temp imqalleb bi ftit inqas u ġranet shan b'xemx tiddi, sema iżraq, rih frisk umdu punent jiltaqa' ma' rih jonfoh shun xott nofs inhar xlokk iġibu shab abjad frisk kontra shab iswed shun bil-fwar, ifaqqghu temporal ta' beraq u xita bil-burraxki u forsi xi helba silġ, irtuba mal-lejl qrib 28-31.


# SPEL

## JAHSEL KOLLOX

IL-HMIEĠ JITNEHHA F'MUMENT

*L-AQWA SAPUN GHALL-HASIL*

**Tista' Tużah ghall-**

**HASLA TA' HWEJJEĠ, SUF, PLATTI, HĠIEĠ,**

**BIBIEN, MEJJILLI U GHAL KULL MA TRID**

**IPPRUVAH U TARA KIF MA TIBDLU QATT**

# NOVEMBRU *(30 Jum)*

Ix-xahar ta' l-Erwieħ (ix-xahar tat-twaqqiħ il-weraq). Ix-xemx titla fis-6 u 43 min. u tinżel fil-5 u 17 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal tal-(Sagittario) Vleġġatur. Jikbru ljieli u l-ġranet jonqsu 49 min. filgħodu u 39 min. filgħaxija.

| | | | |
|---|---|---|---|
| ✠ *§ | 1 Tnejn. | Il-Qaddisin Kollha | |
| | 2 Tlieta. | L-Għid ta' l-Imwied | *Tberik taċ-Ċimiterju.* |
| | 3 Erbgħa. | Tal-Ottava tal-Qaddisin Kollha. | |
| | 4 Ħamis. | S. Karlu Barromew Isq. K. | |
| | 5 Ġimgħa. | Ir-Relikwji Mqaddsa. | |
| | 6 Sibt. | tal-Ott. — Bb. Marg. Ġwan. S. Leonardu Ab. | *Ħ. Kirkop.* |
| ✠ | 7 Ħadd. | XXII. Tal-Ott. Bb. Liena, Marg. u Matt. V. | (2) |
| | 8 Tnejn. | Ottava tal-Qaddisin Kollha. L'4 Koronati M. | |
| | 9 Tlieta. | Kons. ta' l-Arċibaż. tas-Salvatur, Ruma. | |
| | 10 Erbgħa. | S. Andrija Avellino K. | |
| | 11 Ħamis. | S. Martin Isqof K. | *Armistizju* (3) |
| | 12 Ġimgħa. | S. Martin I. P.M. Bb. Rajn. Gabr. Ġwann K. | |
| | 13 Sibt. | S. Diegu t'Alkalà K. | |
| ✠ | 14 Ħadd. | XXIII. S. Ġosafat Isq. M. | |
| | 15 Tnejn. | S. Albertu Manju Isq. K.D. | |
| | 16 Tlieta. | S. Gertrude V. — S. Anjese t'Assisi V. | |
| | 17 Erbgħa. | S. Girgor Taw. I.K.—Bb. Sal. Ġwan, Eliz. V. | |
| | 18 Ħamis. | Kons. tal-Baż. S. Pietru u S. Pawl Ruma. | |
| | 19 Ġimgħa. | S. Elizabetta Reġina, Patr. tat-3 Or. Fr. | |
| | 20 Sibt. | S. Feliċ ta' Valois K. | |
| ✠ | 21 Ħadd. | XXIV. Preżentazzjoni ta' M.V. fit-Tempju. | |
| | 22 Tnejn. | S. Ċecilja, V.M. | |
| | 23 Tlieta. | S. Klement I Papa M. — S. Feliċita | |
| | 24 Erbgħa. | S. Ġwann tas-Salib K.D. | |
| | 25 Ħamis. | S. Katarina V.M. | *Tit. Żejtun u Żurrieq.* |
| | 26 Ġimgħa. | S. Silvestru Ab. — S. Leonardu ta' P. Mawr. | |
| | 27 Sibt. | Ferja — Bb. Bernardin u Umili K. | |
| ✠ | 28 Ħadd. | I ta' l-Avvent — S. Ġakbu minn Marka K. | (4) |
| | 29 Tnejn. | Vġili ta' S. Andrija. S. Sat. — Qaddisin Frġ. | |
| † | 30 Tlieta. | S. Andrija App. M. | *Tit. Ħ. Luqa.* |

(1) Minn nofs inhar tal-lum sa nofs il-lejl ta' għada, Ind. Pl. kull darba għal mejtin, tqerr, titqarben u tinvista xi Knisja tgħid 6 Pat. Ave u Glorja. (2) Festa ta' S. Leonardu Ħ. Kirkop. (3) F'S. Ġwann l-Belt, quddiesa għal mejtin tal-gwerra 1914 u 1938, fil-11 a.m. żewġ minuti skiet u talb. (4) Ma jistax isir żwieġ.

TISTORDUX, TINSEWX TFITTXU L-*BOVRIL*

# TAGĦRIF TAT-TEMP GĦAL NOVEMBRU

Żewġ kurrenti termiċi ta' riħ sħun umdu nofs inhar lbiċ ġej mis-Saħħara u kesħa xotta nġazzata tat-tramuntana bil-ħorra ta' silġ fuq Sqallija, l-ajru jitħassar fsalt, sema fgat bi sħab oħxon, ifaqqgħu beraq u sajjetti, xita bil-qliel, trombi fil-baħar mewġi, Arturu jinżel mal-Virġilji b'tempesti mal-Mediterran qrib 1-3.

3 ta 'Novembru. L-ewwel Kwart fid-9.53 p.m. Qamar fl-għaqda ma' Marte, Uranu stazzjonarju, riħ nofs inhar ilbiċ, temperatura titla' ftit, arja sħuna umda ġġib mard ta l-influwenza, baħar jofroħ, temp inkostanti, idur riħ frisk punent filli bnazzi u filli jitla' ajru b'ħafna xita u riħ jonfoħ, spiss iberraq fl-orizzont qrib 3-5. Saturnu fl-għaqda max-Xemx, ċiklun fl-Atlantiku jgħaddi għall-Ingilterra, Franza u Italja, Arturu jinżel iġib ajru msaħħab, Orione jinħeba iqanqal riħ jobrom bil-buffuri mal-Mediterran, riħ frisk umdu punent iniżżel il-pressjoni jdur lbiċ, xita kultant qrib 5-7. Żewġ kurrenti vertikali punent frisk umdu bi fdal tal-maltemp u kurrent sħun xott lvant iħoll is-sħab jinfexx fir-riħ b'xemx tiddi, waqtiet ta' bnazzi qrib 7-10.

10 ta' Novembru. Qamar Mimli fit-3.27 p.m. Temp varjabbli, riħ frisk xott majistral tramuntana jġib il-bnazzi, baħar bil-furar, iżda l-maltemp għaddej b'temporali fuq Kandia u Greċja bi ħsara ta' rwiefen, jidhru il-kwiekeb *Meteors* mal-lejl, riħ nofs inhar sħun umdu jdellek ġej minn Tuneż għaddej mal-Mediterran, jasal ma' Sqallija, jiltaqa' ma' riħ *Provence* majistral tramuntana nġazzat, sħab jinqasam bil-beraq, u b'xita bil-qliel u riħ jobrom, baħar mewġi, Qamar fil-Perigea qrib 10-12. Sajf ta' San Martin tidher il-kewkba ċara ta' Skarpjun iġġib bnazzi, Orione u Virġilji jinżlu, baqa fdal tas-sħab maqtugħ ta' xi bexxa f'xi bnadi, xemx taħraq nirien, riħ punent idur tramuntana frisk xott qrib 12-14. Skorpjun iġib filgħodu kif jinżel kurrenti sħan xotti, ġranet ħelwin tal-ħarifa, temp ġeneralment bnazzi, il-Fidecola tqanqal riħ u baħar f'salt, Qamar fl-għaqda ma' Giove jitħassar fit-tard, sħab fil-grieg tramuntana juri li hemm beraq ta' temporali mxerrda fil-lvant ta' l-Ewropa, spiss iberraq, waqtiet ġejja x-xita qib 14-17.

17 ta' Novembru. L-aħħar Kwart fl-10.30 a.m. Giove stazjonarju. Arja ċiklonika b'temporali ta' burraxki spiss b'riħ grieg tramuntana frisk qawwi bil-buffuri ma' l-Ewropa, riħ ibiddel sħun xott grieg lvant jaqsam is-sħab għall-beraq, xita u silġ, maltemp ta baħar fl-Adrijatiku u Joniu, bosta sigħat ta' xemx sajfija u bard xott mal-lejl qrib 17-19. Filli bnazzi, waq-

tiet jiddardar l-ajru, sema biż-żliega, xemx imgħajra, baħar mewġi fil-gregal biss, temp varjabli mar-riħ tramuntana frisk għal grieg lvant sħun, sħab tar-riħ jew xita qrib 19-21. Xemx fil-Vleġatur, ajru mhedded b'xi temporal qasir ħdejn Malta, temp ma torbotx fuqu, riħ jonfoħ sħun ibiddel bejn lvant u nofs inhar sħab jinħall fi fwar, sema mċajpar filgħodu, baħar mewġi qrib 21-23. Temp varjabbli, il-Qarn ta' Tauru jinżel, Qamar u Merkurju fl-għaqda ma' Saturnu, il-Kanikola tispiċċa, żiffa friska umda tal-punent, jonfoħ *Etesi*, waqt li riħ sħun xott jonfoħ fix-xlokk ġej mil-Libja jġibu xita fil-lvant ta' Malta, temp sabiħ bil-bnazzi u xemx tiddi fit-tard, nida filgħodu, jidhru l-Meteori qrib 23-25.

🌑 25 ta' Novembru. Qamar Ġdid ta Novembru fis-1.28 p.m Merkurju fl-għaqda ma' Venere. L-*Etesi* jġibu żiffa friska xotta tiltaqa' mas-sħana tax-xlokk, temp ibiddel waqtiet bil-bnazzi jitħassar f'daqa għax-xita u riħ, baħar mewġi ftit qrib 25-27. Il-Kelb jinżel iġib ċpar tas-sħana xlokk lvant idur nofs inhar ġej minn Tripoli, fuq il-baħar ġejja żiffa xotta tramuntana mill-Etna fejn jiltaqgħu jsiru trombi jobormu ta' riħ u baħar, sħab ta' temporal imqanqal għax-xita, jibnazza f'salt. Venere fl-għaqda ma' Saturnu, qrib 27-30.

GHAL **MOBBLI** TA':—

**KWALITA' TAJBA**

**L-AHHAR MUDELLI**

**BI PREZZIJIET IRHAS**

MORRU GHAND ID-DITTA:—

**CARMELO DELIA (1890) & SONS**

**163, TRIQ SANTA LUCIJA, IL-BELT.**

Tel: Central No. 4558.

# COLEIRO BROTHERS Ltd.

SHIP OWNERS

GENERAL MERCHANTS

51 - 59 PINTO ROAD,

MARSA - MALTA.

DEALING IN

WINES, SPIRITS, COAL, HIDES, OILS,

ETC., ETC., ETC.

PROPRIETORS OF

CHARLES JULIOUS MINERAL WATERS MANUFACTURERS

THE NEW CANNING FACTORY

THE MEDITERRANEAN S/S COY. LTD.

MODERN WINERY AT GOZO

Tel: 4586 Malta Central
Gozo 94.

Telegrams: "FRANCOLEIRO"

# DIĊEMBRU *(31 Jum)*

Ix-xahar tal-Milied. (Ix-xahar tax-xita.) Ix-xemx titla fis-7 u 8 min. u tinżel fl-4 u 52 min. Ix-xemx tidħol fis-sinjal ta' (Capricorno) Bodbod. Jikbru ljieli u jonqsu l-ġranet 24 min. filgħodu u 4 p.m. sat-13. Jiżdiedu 9 min. p.m.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | Erbgħa. | Ferja — Bb. Antonio Bentiv. u Ġerardu K. |
| | 2 | Ħamis. | S. Bibjana V.M. |
| | 3 | Ġimgħa. | S. Franġisk Saverju K. |
| | 4 | Sibt. | S. Pietru Kris. I.K.D. — S. Barbara V.M. |
| ✠ | 5 | Ħadd. | II. ta' l-Avv. S. Sabba Abb. — B. Nikol M. |
| | 6 | Tnejn. | S. Nikol ta' Bari Isq. K. *Tit. is-Siġġiewi.* |
| | 7 | Tlieta. | S. Ambroġ Isq. K.D. — Vġili ta' Immak. (1) |
| ✠ *§ | 8 | Erbgħa. | Immakulata Kunċizzjoni ta' M.V. *Tit. Bormla u Qala Għawdex.* |
| | 9 | Ħamis. | ta' l-Ottava tal-Kunċizzjoni. |
| | 10 | Ġimgħa. | ta' l-Ott. — Mad. ta' Loretu *Tit. Għajnsielem.* |
| | 11 | Sibt. | S. Damasu I. Papa M. |
| ✠ | 12 | Ħadd. | III ta' l-Avv. tal-Ott. — Inv. ta' S. Franġ. [t'Assisi. |
| | 13 | Tnejn. | S. Luċija V.M. |
| | 14 | Tlieta. | tal-Ottava — Bb. Nikol. Korrew u Bartholi K. |
| | 15 | Erbgħa. | Ottava tal-Kunċ.—M. V. Reġina tal-Ord. Min. *K.T. Sawm u Ast.* |
| | 16 | Ħamis. | S. Ewsebju Isq. M. *Novena tal-Milied.* |
| | 17 | Ġimgħa. | Ferja tal-Kwattru Tempi *Sawm u Ast.* |
| | 18 | Sibt. | Ferja tal-Kwattru Tempi *Sawm u Ast.* |
| ✠ | 19 | Ħadd. | IV ta' l-Avvent. |
| | 20 | Tnejn. | Vġili ta' S. Tumas *bla Sawm.* |
| † | 21 | Tlieta. | S. Tumas App. M. |
| | 22 | Erbgħa. | Ferja. |
| | 23 | Ħamis. | Ferja. |
| | 24 | Ġimgħa. | Vġili tal-Milied. *Sawm u Ast.* |
| ✠ *§ | 25 | Sibt. | Għid il-Milied — Twelid ta' S. Ġesù Kristu. |
| ✠ | 26 | Ħadd. | wara l-Milied. S. Stief. Prot. *Jista' isir iż-żwieġ.* |
| † *§ | 27 | Tnejn. | S. Ġwann App. Evanġ. |
| † | 28 | Tlieta. | Il-Qaddisin Innoċenti M. |
| | 29 | Erbgħa. | S. Trofimu Isq. K. — S. Tumas Isq. M. |
| | 30 | Ħamis. | tal-Ħadd fost l-Ottava tal-Milied. |
| † | 31 | Ġimgħa. | S. Silvestru I. Papa K. *Te Deum.* |

(1) Vġili Sawm u Ast. għat-Terzjarj Franġiskani.

IL-*BOVRIL* JAGHTI FIK HAJJA ĠDIDA

GHAS-SENA LI ĠEJJA

# TAGHRIF TAT-TEMP GHAL DIĊEMBRU

Qamar fl-għaqda ma' Marte, Orione nieżel jaqsam is-sħab bi fdal ta' temporali mxerrda ma' l-Italja u Sqallija, spiss iberraq għax-xita, baħar imħarrek, riħ lbiċ jonfoħ idur nofs inhar sħun umdu, temp imqalleb, intervall ta' temp sabiħ, xemx tiżreġ, sema bi ċpar filgħodu jinħall fi fwar, riħ idur punent jibnazza qrib 1-3.

🌓 3 ta' Diċembru. L-ewwel Kwart fl-10.54 a.m. Pluto stazjonarju. Mewġa ta' sħana ġejja mill-lbiċ, fejn ix-xita li niżlet fid-deżerti Afrikani ffermentat ir-ramel u ġġib foqa, temp inkostanti bir-riħ jonfoħ jiltaqa' ma' żiffa friska tal-punent mal-lejl iqalbu l-ajru bi sħab tax-xita, jaħbat iberraq qrib 3-5. Sħab oħxon ta' burraxki b'xita u riħ frisk punent qawwi, baħar imċaqlaq, temp inkostanti, riħ idur kuntrarju lvant xott sħun iħawwad iżjed l-ajru, waqtiet ajru miftuħ bix-xemx tiddi qrib 5-7. Sema mgħotti bis-sħab, xemx imgħajra, bard mal-lejl tal-majistral tramuntana xotta, il-maltemp tar-riħ u xita jiżdied lejn lvant fil-Joniu qrib Malta jleħħ il-beraq ta' tempesta fuq il-baħar qrib 7-9. Merkurju fl-għaqda ma' Antares, Qamar fil-Perigea. Majistral tramuntana nġazzat tal-Polu Nord jiltaqa' mas-sħana Afrikana nofs inhar umdu jġibu buffuri u salt beraq bix-xita u silġ mal-Mediterran, imiss xi ftit lila, toħroġ xemx tiddi qrib 9-10.

🌕 10 ta' Diċembru. Qamar Mimli fis-1.54 a.m. Riħ idur majistral tramuntana frisk xott iġib perjodi ta' temp sabiħ, sema iżrak ċar ħafna, baħar kwiet, Qamar fl-għaqda ma' Giove iħassar l-ajru xi ftit, f'xi bnadi biss 'il barra fuq il-baħar baqa' fdal ta' beraq bi sħab maqtugħ ta' rxiex kultant qrib 10-12. Interval ta' temp ġenjali u ħelu b'xemx tiddi ħafna, sema ċar, iqum ftit tar-riħ frisk xott għax ir-riħ mit-tramuntana jinżel punent, pressjoni tinżel b'ajru umdu qrib 12-15. Ġeneralment temp sabiħ bi sħab maqtugħ, riħ varjabli bejn grieg tramuntana għal lvant, arja filli friska ssir ftit sħuna xotta tħoll is-sħab bla xita jinfexx fir-riħ u baħar mill-gregal jasal l-imballatur, waqtiet bi sħab tal-beraq mal-lejl qrib 15-17.

🌗 17 ta' Diċembru. L-aħħar Kwart fl-10.30 a.m. Riħ grieg lvant sħun xott, xemx tiddi għal sigħat sħaħ, okkażżjoni ta' żiffa friska tat-tramuntana b'temp ħiemed sa ċertu pont, jitħassar, fuq Sqallija nieżla xita qawwija riesqa qrib 17-19. Temp ibiddel mar-riħ, sema bi sħab, arja friska tinħass, ġejja ix-xita, taqa' l-għomma qabel ta' riħ kuntrarju ta' Tripoli filli nofs inhar sħun umdu jiżdied bil-lvant, tiltaqa' jsir ekwilibriju ta'

riħ jobrom bi sħab oħxon qrib 19-21. Qamar fl-għaqda ma' Saturnu u Venere, fl-Apogea. Xemx fil-*Capricorn* tibda x-xitwa fit-22 ta' dan. Fdal ta ajru msaħħab, temp ma torbotx fuqu, xlokk b'iżjed sħana u xemx taħraq, waqtiet ċar bil-punent, pressjoni tinżel, iġġ'b xi bexxa xita u riħ qawwi qrib 21-23. Kurrenti sħan mil-ıvant għan-nofs inhar xlokk jiltaqgħu ma' kurrent frisk tal-punent umdu, sema mdennes bi żlieġa, ħin bla waqt l-ajru mhedded juri li ġej il-maltemp, iberraq għax-xita u riħ qawwi ,baħar imċaqlaq, terremot fil-Kalifornja qrib 23-25.

25 ta' Diċembru. Qamar Ġdid ta' Diċembru fit-8.31 a.m. Ekklissi Annulari tax-Xemx. Fasi varjabbli b'żewġ kurrenti vertikali ta riħ frisk inġazzat u riħ sħun umdu nofs inhar fejn jiltaqgħu jġibu tempesti fil-baħar ma l-Afrika ta' fuq u maxxtajta ta l-Ewropa t'isfel, burraxki ta' xita u silġ, sajjetti u riħ ivenven, baħar imqalleb, jiċċara f'daqqa b'xemx tiddi qrib 25-27. Temp ibiddel b'waqtiet ta' bnazzi riħ tramuntana jiftaħ l-ajru ma torbotx fuqu, x'aktarx jitħassar xi ftit malli r-riħ idur isfel nofs inhar lbiċ, temp ħelu iżda spiss mgħoti għax-xita qrib 27-29. Is-sena sa tispiċċa bil-maltemp ta' temporal qasir b'ħafna xita mill-lbiċ, temp inkostanti, Qamar fl-għaqda ma' Marte, jerġa' jdur punent frisk umdu jiftaħ is-sema mal-lejl u jibnazza xi ftit. Sena wara l-oħra sejrin għas-27 sena ta' dan l-Almanakk, nitlob għalikom u intom itolbu għalija dejjem għal bżonnijiet tiegħi, Paċi u ġid.


# SPRATT'S FOODS

FOR

*HAPPY PETS!*

YOUR PET CAN HAVE JUST THE
SAME FOOD AS THE **CHAMPIONS**

FROM

## THE WEMBLEY STORE

**KINGSWAY — VALLETTA.**